# PJAN TA’ TIĠDID TAT-TURIŻMU F’MALTA U GĦAWDEX

PARTIT LABURISTA

JANNAR 2006

# PJAN TA' TIĠDID TAT-TURIŻMU F'MALTA U GĦAWDEX

PARTIT LABURISTA

JANNAR 2006

# PJAN TA' TIĠDID TAT-TURIŻMU F'MALTA U GĦAWDEX

## Fil-qosor:

### Ninbidlu f'dinja li qed tkompli tinbidel

- Qed niffaċċjaw kompetizzjoni qawwija minn ħafna destinazzjonijiet qodma u ġodda fid-dinja. Flok insaħħu lilna nfusna biex niffaċċjaw din l-isfida qed niddgħajfu u l-ħolqien tal-impjiegi u l-ġid mit-turiżmu sejjer lura. Irridu nġeddu l-prodotti u s-servizzi turistiċi tagħna għax it-turiżmu nbidel, it-turisti nbiddlu u jridu esperjenzi ġodda.

### Iżjed impjiegi u aħjar

- Għandna noħolqu ambjent ekonomiku tajjeb għall-imprendituri fit-turiżmu u fl-ivvjaġġar biex ikunu jistgħu joħolqu iżjed impjiegi u jtejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema. Fl-aħħar ħames snin naqsu l-ħaddiema fis-settur, u l-pagi u l-kundizzjonijiet tagħhom qed jaqgħu lura meta mqabbla ma' ta' setturi oħra. Ħafna mill-impjiegi l-ġodda huma *part-time* u b'kundizzjonijiet baxxi.

### Ħolqien ta' iżjed ġid

- Fl-aħħar snin il-gvern għabba b'ħafna taxxi ġodda u spejjeż lill-imprendituri fit-turiżmu u fl-ivvjaġġar u bdew jabbandunaw dawn l-oqsma u jfittxu oqsma ekonomiċi oħra li jħallulhom iżjed dħul. Irridu ntaffu l-piż tat-taxxi u nwaqqfu n-niżla li qabad it-turiżmu biex jirpilja u jerġa' jibda jikber u joħloq il-ġid.

### Bżonn ta' pjan prattiku mhux miri fl-ajru

- It-tiġdid fit-turiżmu tagħna mhux se jiġi minn xi qabża kbira mirakoluża 'l quddiem iżda minn sensiela ta' ħafna passi żgħar li anki meta maħsuba biex jagħtu frott malajr iridu jsiru b'sens ta' direzzjoni strateġika, ta' viżjoni fit-tul u mhux ta' ħafna ġiri fil-vojt biex tingħata l-impressjoni li qed isir ħafna xogħol li mbagħad ma jwassalx għar-riżultati meħtieġa.

### Bżonn ta' viżjoni strateġika

- Flimkien ma' l-operaturi turistiċi nfasslu u nwettqu pjan ta' ħidma fejn nindirizzaw dak kollu li qed jitfagħna lura u naraw x'rimedji għandna nieħdu, u nieħduhom biex ikollna destinazzjoni turistika ta' suċċess u tifhem xi jridu t-turisti biex iżuruna u x'kapaċi noffru biex nissodisfaw l-bżonnijiet tagħhom u dak li nwegħeduhom fil-*brand* li nippromwovu, nagħtuhulhom. Anki fis-settur privat hemm bżonn li jmexxu b'mod strateġiku flok jgħixu minn ġurnata għall-oħra. Tingħata spinta lill-formazzjoni tan-nies maniġerjali tal-azjendi turistiċi biex titjieb il-kwalita' tat-tmexxija tagħhom. Nagħtu appoġġ lil dawk l-imprendituri li jidħlu għal inizjattivi ġodda fi swieq ġodda tant essenzjali biex jiġġeddu l-prodotti u s-servizzi turistiċi tagħna.

### Infasslu u nwettqu flimkien

- Waqt li ma' l-operaturi kollha fis-settur nippjanaw x'passi se nieħdu fit-tul biex inġeddu t-turiżmu, nibdew nieħdu l-passi immedjati li hemm bżonn biex it-turiżmu jieħu r-ruħ. Ix-xogħol fuq it-tfassil ta' l-ewwel pjan strateġiku m'għandux jieħu iżjed minn sena. Nindirizzaw b'urġenza l-problemi fondamentali tas-settur u nagħmlu miri ċari li rridu nilħqu, min hu responsabbli biex jintlaħqu, b'liema riżorsi se jintlaħqu u meta. Il-proċess ta' riflessjoni u azzjoni fuq x'għandu jsir ikun wieħed kontinwu għax id-dinja qed tkompli tinbidel u min ma jagħrafx jinbidel jaqa' lura.

### Bżonn il-kwantita' u l-kwalita'

- Aħna għandna bżonn kemm kwantita' ta' turisti kif ukoll turisti ta' kwalita'. Biex tkun vijabbli d-destinazzjoni tagħna għandha bżonn kwantita' ta' turisti biex il-linji tal-ajru joperaw lejn pajjiżna u biex faċilitajiet u attrazzjonijiet f'pajjiżna jirnexxu għandhom bżonn ħafna turisti għax is-suq lokali tagħna huwa ċkejken wisq biex ikampaw bih.

- Illum anki l-hekk imsejħa turisti tal-massa qed jitolbu prodotti u servizzi aħjar minn ta' qabel. It-tipi kollha ta' turisti jridu u jistennew lukandi tajbin u nodfa iżda jridu l-pajjiż li jżuru hekk ukoll fil-livell tal-indafa, il-kwalita' tat-toroq, l-esperjenzi kulturali, il-pajsaġġ naturali,

il-faċilitajiet sportivi, tas-saħħa u tad-divertiment, it-trasport u s-servizzi kollha li jiġu bżonn mhux biss fejn ikunu akkomodati iżda fil-pajjiż kollu. Mit-tpaċpiċ hemm bżonn ngħaddu għall-ħidma bis-serjeta' f'dan il-qasam.

## Tas-sajf u lilhinn minnhom

- Irridu ntejbu s-servizzi u l-esperjenzi għal dawk li jiġu jgħumu u jiddevertu fis-sajf. Irridu noħolqu prodotti ġodda għall-bqija tas-sena biex jiġu turisti differenti. Irridu nżommu s-swieq mnejn jiġuna l-iżjed turisti u anki nżidu t-turisti minnhom u rridu wkoll infittxu swieq ġodda. Naħdmu biex ikollna turiżmu li jkun sostenibbli kemm ambjentalment, kif ukoll ekonomikament u soċjalment. Biex nilħqu dawn il-miri u nġeddu t-turiżmu hemm bżonn li l-gvern kollu jkun dedikat biex isewwi u jsebbaħ l-ambjent fil-pajjiż, imexxi aħjar b'inqas taxxi u jkun ta' appoġġ kontinwu għal min jaħdem b'mod serju fit-turiżmu.

## Iżjed investiment

- Biex infejqu t-turiżmu l-pajjiż kollu jrid jitmexxa aħjar. Il-gvern irid joħloq ambjent ekonomiku tajjeb fil-pajjiż fejn iħalli iżjed flus għand l-imprendituri biex jinvestu mill-ġdid fit-turiżmu u biex ikunu jistgħu jagħtu kundizzjonijiet aħjar lill-impjegati tagħhom ħalli jerġa` jkun hawn il-flus fl-idejn u jkun hawn titjib fil-ħajja tal-familji tagħna.

- Naħdmu għal titjib fid-dħul mit-turiżmu biex l-operaturi turistiċi tagħna ikunu jistgħu jinvestu wkoll fin-nies li jaħdmu magħhom.

- Biex inġeddu t-turiżmu tagħna u nkunu kapaċi nikkompetu aħjar għandna bżonn li n-nies li jaħdmu f'dan il-qasam ikunu motivati iżjed, imħarġa aħjar u bil-ħiliet rilevanti biex jingħata servizz tajjeb lit-turisti biex iħossuhom mhux biss stmati tajjeb iżda qalb il-ħbieb.

## Inħaffu l-piż tat-taxxi

- Il-gvern għandu juża t-taxxi mhux biss bħala mod biex jiġbor il-flus iżda wkoll bħala għodda biex nikkompetu aħjar mal-kompetituri tagħna. Ma nħallux it-taxxi jtelfulna l-kompetittivita' tagħna.

- Flimkien ma' gvernijiet ta' stati membri oħra ta' l-Unjoni Ewropea nieħdu inizjattivi biex ikun hemm livelli ta' taxxi u qafas ta' regolamenti tajba li jġibu 'l quddiem flok ma jitfgħu lura t-turiżmu Ewropew meta għandu kompetizzjoni tant ħarxa mit-turiżmu f'inħawi oħra tad-dinja.

- Fil-gvern ikollna nies apposta li xogħolhom ikun li jaraw x'fondi u programmi tal-UE mmexxija direttament minn Brussel u l-Lussemburgu jistgħu jinġiebu lejn pajjiżna mis-settur privat u għaqdiet non-governattivi għall-iżvilupp tat-turiżmu f'pajjiżna.

- Innaqqsu t-taxxi, inneħħu l-burokrazija żejda u r-regolamenti esaġerati, indawru r-riżorsi u l-enerġija tal-gvern u l-istrutturi pubbliċi biex jaħdmu flimkien mas-settur privat naħdmu biex niġbdu turisti matul is-sena kollha f'oqsma differenti fejn pajjiżna għandu x'joffri daqs u iżjed minn ħaddieħor.

## Gvern li jaħdem b'mod integrat

- Biex it-turiżmu jfiq u jiġġedded f'pajjiżna hemm bżonn li l-gvern kollu jaħdem flimkien, b'ministeri u dipartimenti jikkordinaw bejniethom. Kemm fit-tfassil tal-miżuri tagħhom kif ukoll fil-ħidma tagħhom jaraw li kulma jagħmlu hu biex iġibu t-turiżmu 'l quddiem.

- Qabel jiddaħħlu miżuri tal-gvern ikun hemm studju serju x'impatt se jħallu fuq it-turiżmu biex jitwarbu deċiżjonijiet li jagħmlulu l-ħsara u jitfgħuna lura fil-kompetizzjoni ħarxa li għandna ma' pajjiżi oħra.

- Din il-ħidma integrata tal-gvern tkun ikkordinata fil-livell tal-kabinett u jkollha direzzjoni strateġika u li tippjana għall-quddiem u ma tkunx sempliċiment tirreaġixxi biss għall-problemi ta' kuljum kif qed jagħmel il-kumitat inter-ministerjali tat-turiżmu ta' bħalissa.

## Inġeddu l-Awtorita' Maltija tat-Turiżmu

- L-Awtorita' Maltija tat-Turiżmu, b'rappreżentanza effettiva tas-settur privat, tal-imsieħba soċjali u tas-soċjetà ċivili trid tikkonċentra fuq il-funzjoni ewlenija tagħha li tmexxi u tikkordina t-titjib, l-iżvilupp u l-ħolqien tal-prodotti u servizzi turistiċi tagħna u tara li jsiru magħrufa f'pajjiżi oħra li minnhom nimmiraw biex inġibu t-turisti lejna.

- Issir riflessjoni serja dwar jekk ħalliex il-frott mixtieq l-esperiment riskjuż tal-Awtorita' li tagħlaq ħafna mill-uffiċċji tagħha f'pajjiżi oħra u flokhom taħtar aġenti barranin. Jekk dan il-pass ma jġibx ir-riżultati mixtieqa, jerġgħu jinfetħu l-uffiċċji f'pajjiżi u jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex jaħdmu b'mod effettiv.

- Fl-Awtorita' nsaħħu l-ħidma ta' riċerka u żvilupp biex nifhmu u nagħrfu t-tibdil li jkun qed iseħħ biex naħtfu l-opportunitajiet ġodda li se jibqgħu jitwieldu biex niżviluppaw u nġeddu t-turiżmu tagħna.

**Kwalita' aħjar ta' deċiżjonijiet**

- Biex inġeddu t-turiżmu tagħna rridu ntejbu l-kwalita' tad-deċiżjonijiet li nieħdu f'dan il-qasam u ntejbu l-mod ta' kif nieħduhom u kif nippjanaw u nwettqu l-ħidma tagħna. Irridu nibdew nieħdu deċiżjonijiet effettivi għax ibbażati fuq il-fatti u mhux sempliċiment fuq l-intuwizzjonijiet, l-interessi u l-gosti personali ta' min jeħodhom.

- Irridu niżguraw ukoll li ntejbu l-istatisika tat-turiżmu f'pajjiżna u ndaħħlu l-metodu tat-*Tourism Satellite Accounting* (TSA) li jkejjel ferm aħjar id-dħul mit-turiżmu fl-oqsma ekonomiċi kollha.

- Irridu statistika serja biex isservi ta' għodda serja biex turina kif tassew qed immorru u x'passi għandna nieħdu biex nirranġaw fejn sejrin ħażin u mmorru aħjar fejn sejrin tajjeb.

**L-ivvjaġġar lejn il-gżejjer tagħna**

- Biex inġeddu t-turiżmu lejna għandna bżonn ta' rotot ġodda lejn pajjiżna, titjiriet iżjed frekwenti u titjiriet li jkunu f'ħinijiet komdi għat-tipi ġodda ta' vaganzi fi tmiem il-ġimgħa li żgur ma jaffordjawx jitilfu l-ħin jivvjaġġjaw jew jistennew fl-ajruporti. Naħdmu biex *low cost airlines* joperaw lejn il-gżejjer tagħna.

- Fl-istess ħin il-gvern jgħin lill-kumpanija nazzjonali ta' l-ajru Air Malta tinbidel kif hemm bżonn biex tkun kapaċi ssalva u tirnexxi fl-ambjent liberalizzat u kompetittiv tal-lum għax il-gżejjer tagħna żgur għandhom bżonn li jibqa' jkollhom il-linja nazzjonali ta' l-ajru tagħhom u mhux isiru jiddependu biss fuq linji ta' l-ajru li joperaw lejn pajjiżna kif u meta jaqblilhom biss.

- Anki l-ajruporti nazzjonali tradizzjonali qed jiffaċċjaw kompetizzjoni ġdida minn ajruporti sekondarji li joffru inċentivi biex iħajru linji ta' l-ajru joperaw minnhom. Irridu naraw li anki bħala regolaturi l-gvern jara li l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta iqis bħala l-akbar priorita' tiegħu t-tisħiħ u l-iżvilupp tal-oqsma tat-turiżmu u l-ivvjaġġar u mhux ikun ta' piż għalihom.

- Irridu wkoll nieħdu passi biex inħajru iżjed vapuri jżuru l-gżejjer tagħna, inkluż dawk il-vapuri li bħal-linji l-ġodda ta' l-ajru qed joffru vjaġġi iżjed irħas u jiġbdu tipi ġodda ta' passiġġieri żgħażagħ. Dawn il-passiġġieri żgħażagħ ifittxu esperjenzi kulturali u ta' divertiment u servizzi ta' akkomodazzjoni u ta' ikel li f'ċerti aspetti diġa' għandna u f'ċerti aspetti oħra rridu noħolqu prodotti ġodda għalihom.

**Pajjiż wieħed - diversita' ta' esperjenzi**

- Nużaw il-vantaġġi kompetittivi tagħna ta' eluf ta' snin ta' storja li tinlaħaq fi ftit jiem billi niċċelebraw u niżviluppaw id-diversita' tal-lokalitajiet tagħna, mhux biss fejn hemm konċentrazzjoni ta' żoni turistiċi iżda anki fin-naħa t'isfel ta' Malta. Importanti wkoll li nsalvaw il-karatteristiċi naturali, arkitettoniċi u kulturali tad-diversi lokalitajiet tagħna. Jekk innaqqsu d-diversita' tal-lokalitajiet tagħna nfaqqru l-firxa ta' prodotti u servizzi li nistgħu noffru għalhekk għandna bżonn użu serju u għaqli tat-territorju tagħna.

- M'għandniex inkomplu neqirdu mill-ambjent rurali li fadlilna jekk irridu li kemm aħna stess u kemm fost dawk li jżuruna jkollna fejn nimxu għall-arja, qalb l-għelieqi u l-blat, 'il bogħod mill-bini u l-karozzi. B'inizjattivi serji nistgħu niżviluppaw l-agrituriżmu f'Malta u f'Għawdex fejn noffru esperjenzi interessanti għal turisti li jridu jqattgħu l-jiem tagħhom fostna jgħixu mal-bdiewa fl-irziezet u jaħdmu l-għelieqi magħhom u jieħdu sehem f'ħidmiet oħra tal-biedja lokali.

- M'għandniex neqirdu iżjed ambjent naturali b'iżjed bini bl-iskuża ta' korsa ġdida tal-golf. Għandna l-ewwel intejbu għal-livell internazzjonali l-korsa tal-golf tal-Marsa. Għandna wkoll nirrijabilitaw il-muntanja ta' skart tal-Magħtab u nibdluha f'korsa tal-golf.

- Il-lokalitajiet differenti tagħna - bl-involviment tal-kunsilli lokali u l-għaqdiet non-governattivi - jingħataw l-appoġġ minn strutturi addattati b'fondi ta' l-Awtorita' Maltija tat-Turiżmu ddedikati għalihom għall-immaniġġjar, żvilupp u r-reklamar tagħhom biex ir-riżorsi nazzjonali jintużaw b'mod iżjed ġust u effiċjenti mil-lokalitajiet kollha biex dawk il-lokalitajiet li qed jaqgħu lura, jirkupaw u jimxu 'l quddiem.

**Xemx u baħar**

- Permezz ta' proġetti bis-sħab bejn il-gvern u l-privat inżidu u nkabbru l-bajjiet tagħna u ntejbu l-aċċess għall-blat ħdejn il-baħar biex ikollna ferm iżjed postijiet li jistgħu jitgawdew mill-Maltin u l-Għawdxin u minn dawk li jżuruna biex igawdu wkoll ix-xemx u l-baħar.

- Tiġi msaħħa l-infrastruttura meħtieġa għall-firxa ta' sports tal-baħar li għandna niżviluppaw b'faċilitajiet bħall-marinas għall-jottijiet u għall-ibburdjar.

- Nieħdu l-inizjattivi meħtieġa biex intejbu u nżidu l-faċilitajiet u l-attrazzjonijiet għall-qasam importanti tal-għaddasa.

- Isiru sforzi biex niġbdu lejn pajjiżna istituzzjonijiet li jħarġu għaddasa professjonali.

## Kultura

- Jittieħdu inizjattivi permezz ta' proġetti bejn il-gvern u l-privat, anki mal-kunsilli u għaqdiet governattivi, biex nieħdu _sieb aħjar u nippromwovu l-wirt storiku u l-identita' kulturali tagħna, anki biex ikunu magħrufa iżjed fid-dinja permezz tal-internet.

- Jittieħdu l-passi meħtieġa biex jiġu rkuprati għal użu addattat postijiet storiċi li huma okkupati abbużivament jew qed jintużaw ħażin.

## Servizzi edukattivi

- Il-gvern, l-Awtorita' Maltija tat-turiżmu, l-Universita' u l-iskejjel li jgħallmu l-Ingliż jaħdmu flimkien biex iġibu iżjed studenti jitgħallmu l-Ingliż fostna s-sena kollha.

- Il-gvern jieħu passi biex iħaffef il-proċeduri tal-viżi għall-persuni minn barra l-Unjoni Ewropea biex naħtfu l-opportunitajiet kbar li qed joħloq dan is-settur dejjem jikber tas-suq dinji għat-tagħlim ta' l-Ingliż fl-inħawi tal-Asja, l-Amerika Latina u l-Golf Għarbi.

- Jiġu appoġġjati l-miżuri kollha biex intejbu l-kwalita' tat-tagħlim, ta' l-akkomodazzjoni u ta' l-esperjenzi li noffru lil dawk l-istudenti li jiġu fostna.

- Niżguraw li t-taxxi ma jgerxux lill-familji milli jżommu lill-istudenti għandhom għax l-ambjent familjari huwa ingredjent essenzjali għas-suċċess ta' dan is-settur.

- Jingħata permess biex l-iskejjel li jgħallmu l-Ingliż ikunu jistgħu imexxu stabbilimenti residenzjali għall-istudenti tagħhom.

- Jittieħdu inizjattivi biex nibdew noffru servizzi edukattivi ġodda u ta' taħriġ marbuta ma' oqsma ekonomiċi bħal dawk bankarji, marittimi u servizzi finanzjarji, manutenzjoni ta' l-ajruplani u studji interkulturali dwar reliġjonijiet, ilsna u kulturi differenti.

## Gruppi u konferenzi

- B'inizjattivi u kooperazzjoni sħiħa u kontinwa bejn l-Awtorita` Maltija tat-turiżmu u l-privat, u kull fejn hu meħtieġ b'appoġġ min-naħa tal-gvern dan it-tip ta' turiżmu jingħata iżjed importanza milli qed jingħata bħalissa għax il-gvern għamlu inqas kompetittiv billi impona t-taxxa tal-VAT fuqu.

- Nappoġġjaw l-iżvilupp ta' faċilitajiet għal laqgħat li jridu jakkomodaw numri kbar, jiġifieri

'l fuq minn 1500 li s'issa pajjiżna mhux f'pożizzjoni li jipprovdi għalihom f'daqqa u allura qegħdin nitilfu diversi opportunitajiet.

- Jittieħdu inizjattivi biex Għawdex ikun jista' jgawdi aktar minn dan it-tip ta' turiżmu, fejn irridu nappoġġjaw l-iżvilupp ta' faċilitajiet li min jorganizza dawn il-konferenzi jinsisti li jkollu.

Għas-sena kollha

- Isir sforz qawwi biex jiżdiedu t-turisti fostna fix-xhur bejn Ottubru u Marzu billi naħdmu biex niġbdu lejna gruppi li jorganizzaw konferenzi fostna, anzjani li jiġu jqattgħu x-xitwa hawn għax isibu t-temp u l-prezzijiet attraenti, sportivi li jgħixu fl-Ewropa ta' fuq u jistgħu jagħmlu t-taħriġ tagħhom hawn fix-xitwa, persuni li jħobbu l-kwiet u jkunu jridu jgawdu mixjiet ħdejn il-baħar u fil-kampanja.

Vapuri tal-passiġġieri

- Tingħata spinta qawwija biex jiżdiedu l-vapuri tal-passiġġieri li jużaw lil Malta bħala ċentru fejn joperaw u oħrajn li jdaħħlu lil Malta u lill-Għawdex fost il-postijiet li jżuru fil-Mediterran u ssir ħidma biex iżjed passiġġieri jinżlu l-art u jgawdu l-gżejjer tagħna.

Swieq ġodda

- Naħdmu biex inġeddu s-swieq tagħna, kemm billi nġibu turisti ġodda mis-swieq li ħdimna fihom billi noffru xi jridu t-turisti li qed jivvjaġġaw f'dawn iż-żminijiet u billi nidħlu fi swieq ta' pajjiżi ġodda bħaċ-Ċina.

- Jittieħdu inizjattivi ma' awtoritajiet u operaturi ta' pajjiżi oħra biex noffru *joint destination product* magħhom.

Kwalita' ogħla ta' servizzi

- Isir titjib fit-trasport pubbliku lokali anki billi t-turisti jiġu offruti pakketti attrajenti li jinkludu l-użu ta' servizzi oħra. Jinħoloq ambjent fejn is-servizz tat-taxis isir orħos u allura jintuża iżjed. Jerġa' jiġi mqajjem ix-xogħol tal-barklori fil-Port il-Kbir, jiġdied it-trasport bil-baħar min-naħa għall-oħra tal-pajjiż, anki permezz ta' dgħajjes li jkunu jistgħu joffru s-servizz ta' taxis għal min irid jivvjaġġa bil-baħar.

## Żvilupp tar-riżorsi umani

- Mill-iskejjel primarja t-tfal jiġu edukati biex japprezzaw aħjar il-wirt ta' pajjiżhom u kemm hu essenzjali t-turiżmu għall-pajjiżna. Fl-iskejjel sekondarji jiġu offruti suġġetti vokazzjonali fit-turiżmu. Ikun hemm kordinazzjoni serja bejn il-Kulleġġ Malti tax-Xjenza, l-Arti u t-Teknoloġija, l-Istitut tal-Istudji Turistiċi, l-Universita', il-Korporazzjoni Impjiegi u Taħriġ, l-Awtorita' Maltija tat-Turiżmu u s-sieħba soċjali fl-oqsma tat-turiżmu u tal-ivvjaġġar biex titjieb il-kwalita' tal-edukazzjoni u t-taħriġ tan-nies li jaħdmu f'kull qasam u f'kull livell tas-settur turistiku.

## Għawdex

- Għawdex ikollu Awtorita' Għawdxija tat-Turiżmu bil-fondi tagħha li tmexxi għall-ġid ta' Għawdex

- Jittieħdu passi biex isiru l-faċilitajiet meħtieġa ħalli vapuri tal-passiġġieri jkunu jistgħu iniżżlu passiġġieri tagħhom jżuru lill-Għawdex.

- Jingħata sussidju xieraq fuq is-servizz tal-ħelikopter bejn Malta u Għawdex u jekk dan is-servizz xorta ma jirnexxiex jiġi kkunsidrat mezz ieħor ta' trasport bl-ajru bejn iż-żewġ gżejjer, b'rispett sħiħ lejn il-ħarsien ambjentali.

## Kemmuna

- Isir użu immaġinattiv tal-esperjenza unika li tista' toffri Kemmuna - lilhinn mill-baħar u r-ramel tagħha - bl-ambjent uniku u bl-istorja tagħha għal tip ta' turisti li jfittxu l-kwiet.

## L-isfidi kbar ta' quddiemna

- Fuq kollox, ikunu kemm ikunu sbieħu impressjonanti l-faċilitajiet u l-attrazzjonijiet turistiċi, u jinżamm kemm jinżamm tajjeb il-pajjiż u jitmexxa tajjeb, l-iżjed li jibqgħu jiftakru u li jagħġen il-mod kif jaħsbu u jħossu t-turisti dwar kull pajjiż li jżuru huwa l-mod kif jilqgħuhom in-nies tal-post. Irridu nkunu aħna, kull wieħed u waħda minna, bl-imġieba tajba tagħna li għandna nkunu l-aqwa reklam sinċier għall-pajjiżna biex nies minn pajjiżi oħra jieħdu gost jiġu qalbna.

# PJAN TA' TIĠDID TAT-TURIŻMU F'MALTA U GĦAWDEX

**Ninbidlu f'dinja li qed tkompli tinbidel**

It-turiżmu f'pajjiżna għandu bżonn jingħata ħajja ġdida. Ilna iżjed minn 40 sena bħala destinazzjoni fil-Mediterran u qed nuru s-sinjali kollha ta' destinazzjoni għajjiena u li daħlet fil-fażi matura tagħha. Għadna ma rkuprajniex in-numru ta' turisti li kienu jżuruna fis-snin 1999 u 2000. Il-kwantita', il-kwalita' u n-nefqa ta' turisti li qed iżuruna żgur li mhumiex biżżejjed għat-tkabbir ekonomiku, il-ħolqien ta' impjiegi u l-ġid li tant għandna bżonn.

Fl-istess ħin fid-dinja kollha qed ikomplu jitfaċċaw destinazzjonijiet u swieq ġodda. Qed jinbidlu d-destinazzjonijiet tradizzjonali u qed jinbidlu s-swieq mnejn jivvjaġġjaw it-turisti. It-turisti għandhom iżjed mnejn jagħżlu. Iżda hemm ukoll iżjed turisti jivvjaġġaw. Il-bzonnijiet u l-gosti tat-turisti qed ikomplu jinbidlu kontinwament u aħna m'aħniex qed ninbidlu u m'aħniex qed nissodisfaw dak li jridu t-turisti tal-lum. Mhux ta' b'xejn li qed niġbdu lejna persentaġġ inqas ta' turisti milli konna niġbdu qabel meta s-suq dinji tat-turisti kien iċken. Mhux ta' b'xejn li numru dejjem ikbar u kwalita' differenti ta' turisti qed imorru xi mkien ieħor.

Bdew jivvjaġġaw iżjed nies kemm minn pajjiżi mnejn kienu diġa' jivvjaġġaw ħafna kif ukoll minn pajjiżi ġodda. Fost dawk li jivvjaġġaw hemm min qed ifittex esperjenzi ġodda. Hemm min qed jorganizza l-ivvjaġġar u l-vaganzi huwa stess bl-internet. Hemm min jivvjaġġa iżjed ta' spiss u fil-qosor. Modi ġodda ta' trasport bl-ajru, bil-baħar u bl-art qed jilħqu iżjed postijiet fid-dinja u bi prezzijiet orħos. Il-prodotti, servizzi u esperjenzi li noffru, il-modi kif nirreklamaw lilna nfusna, il-metodi kif turisti jistgħu jixtru vaganzi u żjarat fostna għal xogħol, kultura,

sports, edukazzjoni u mistrieħ, l-ivvjaġġar lejna ...ilkoll iridu jinbidlu u jiġġeddu skond ix-xejriet tal-lum. Il-bqija nkomplu naqgħu lura għax ħafna mit-turiżmu tagħna jibqa' dipendenti fuq suq wieħed, fuq tip wieħed ta' turist u fuq l-operaturi ta' l-ivvjaġġar li jiddettaw kemm jibgħatu turisti lejna u b'liema prezzijiet.

Irridu nġeddu t-turiżmu tagħna biex ma nħalluhx jogħdos iżjed 'l isfel. Anki destinazzjonijiet Mediterranji bħalna, ngħidu aħna Ċipru u l-għejjer Balearici fis-snin li għaddew staġnaw u bdew sejrin lura. Iżda ħadu l-passi meħtieġa biex jirkupraw u jqumu fuq tagħhom billi gvern u settur privat ingħaqdu biex iġeddu t-turiżmu tagħhom u ħadu l-passi ekonomiċi, ambjentali u soċjali li kien hemm bżonn biex jerġgħu jibdew joffru prodotti, servizzi u esperjenzi turistiċi bi prezzijiet u kwalita' li t-turisti ta' dawn iż-żminijiet iridu.

Aħna nistgħu u għandna nagħmlu l-istess. Irridu nidentifikaw u nsewwu l-partijiet strutturali dgħajfa tat-turizmu tagħna u nagħtu bidu ġdid lill-gżejjer tagħna f'kuntest ta' turiżmu dinji li qed ikompli jiżviluppa u jinbidel. Irridu nsiru nappellaw iżjed għal iżjed turisti fid-dinja tal-lum bi prodotti, servizzi, faċilitajiet u attrazzjonijiet li jissodisfaw is-swieq differenti tat-turisti llum. Azzjoni dinamika, bis-sens, skond pjan strateġiku li jorbot flimkien il-passi li għandna nieħdu fl-oqsma ambjentali, ekonomiċi u kulturali, mhux biss jistgħu jwaqqfuna milli nkomplu ngħoddsu 'l isfel, iżda jservu biex inqajmu mill-ġdid it-turiżmu tagħna, b'mod ġdid li jgħodd għad-dinja tal-lum.

Irridu nkunu lesti għall-futur li se jibqa' jinbidel b'mod qawwi fis-snin li ġejjin meta huwa stmat skond l-Organizzazzjoni Dinjija tat-Turiżmu li fis-sena 2020 t-turisti li jżuru l-Ewropa se jkunu 46 mis-suq dinji meta fl-1990 kienu 60%. Se tiżdiedilna l-kompetizzjoni minn destinazzjonijiet oħra Ewropej u minn destinazzjonijiet oħra fil-bqija tad-dinja.

### Iżjed impjiegi u aħjar

Jekk it-turiżmu jibqa' nieżel mhux biss se tkompli tmajna l-ekonomija imma se jibqgħu jweġġgħu eluf ta' familji Maltin u Għawdxin li jgħixu minnu. Pajjiżna mhux biss ma jiflaħx jitlef iżjed impjiegi fit-turiżmu, iżda għandu bżonn jissaħħaħ biex joħloq impjiegi ġodda għax oqsma oħra ekonomiċi tal-manifattura u tas-servizzi mhumiex qed joħolqu opportunitajiet ġodda ta' impjiegi għal dawk li qed jitilfu x-xogħol, għal dawk li għandhom xogħol mhux fis-sod u għal dawk li qed ifittxuh għall-ewwel darba.

Bejn Settembru 2001 u Settembru 2005 l-impjiegi fis-settur tal-lukandi u stabbilmenti tal-ikel niżlu minn 9083 għal 8360, tnaqqis ta' 723 impjieg. Skond l-Awtorita' Maltija tat-turiżmu fl-aħħar ħames snin kellhom jinħolqu 2,400 impjieg ġdid biex in-numru ta' ħaddiema fil-lukandi

u ristoranti jitilgħu għal 12,700, iżda fl-aħħar tas-sena 2005 insibu 8360 jaħdmu f'dan il-qasam, 4340 inqas.

F'dan il-qasam żdiedu ħafna l-impjiegi *part-time*, spiss mhux għax hekk irid min jaħdem f'dan il-qasam iżda għax min iħaddem qed jara kif iħaddem kemm jista' impjegati bil-kuntratt u anki fuq bazi part-time b'kundizzjonijiet baxxi biex iżomm l-ispejjeż baxxi kemm jiflaħ biex ikun jista' jkampa. Jittieħdu passi biex jitrażżan l-abbużi minn dawk li jħaddmu magħhom ħaddiema lokali u barranin illegalment.

Hemm bżonn intejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema fit-turiżmu. Hemm bżonn jinħolqu iżjed impjiegi fil-pajjiż u togħla r-rata ta' 54% fil-mija li għandna jaħdmu fl-ekonomija tagħna. Għandna l-iżjed rata baxxa fl-Unjoni Ewropea ta' nies attivi fil-ħidma ekonomika. Hemm bżonn inkabbru t-turiżmu tagħna biex inkabbru l-ġid u x-xogħol minnu.

Il-medja tal-pagi tal-ħaddiema fis-settur turistiku fil-livelli kollha huma Lm17 fil-ġimgħa iżjed baxxi mill-medja ta' pagi fl-oqsma l-oħra tas-servizzi. Iż-żieda fil-pagi tagħhom, ta' 2.1% fis-sena 2005 mhix tagħmel tajjeb għaż-żieda fl-għoli tal-ħajja meta din kienet mill-inqas 2.6%. Biex jitjiebu l-kundizzjoijiet tal-ħaddiema fit-turiżmu u jinħolqu iżjed impjiegi hemm bżonn inkabbru n-numru ta- turisti u d-dħul ta' flus li jħallu.

**Ħolqien ta' iżjed ġid**

Għalhekk għandna bżonn aktar minn qatt qabel dħul iżjed ta' flus minn barra permezz tat-turiżmu. Irridu nbiddlu r-rotta għax fl-aħħar snin qed naraw li qed jiċkien l-ammont ta' flus li tassew iħalli t-turiżmu f'pajjiżna. Mhux biżżejjed nikkalkulaw kemm jonfqu. Irridu nikkalkulaw ukoll kemm jibqa' fostna mill-flus li jonfqu biex jiġu jżuruna, wara li naqtgħu barra l-flus li jieħdu l-operaturi barranin li jġibuhom u kemm ikollna nimpurtaw prodotti u servizzi biex naqduhom. Dak li jifdal jitqies bħala l-valur miżjud (*Gross Value Added*) li jġibilna t-turiżmu.

F'Settembru tas-sena 2003 dan il-*Gross Value Added* kien ta' Lm85.8 miljuni. Sa Settembru 2005 niżel għal Lm82.5 miljuni; Lm3.3 miljuni inqas. Inkwetanti wkoll li mid-dħul kollu tat-turiżmu qed jinżel ukoll il-*Gross Value Added* fostna. Fis-sena 2002 kien Lm85 miljun (46%) u sa Settembru 2005 niżel għal Lm82.5 miljun (40%). Inkwetanti iżjed li l-*Gross Value Added* tat-turiżmu ukoll nieżel meta tqabblu ma' setturi oħra ta' l-ekonomija tagħna. Fis-sena 2002 kien 7.4% waqt li sa Settembru 2005 niżel għal 6.8%. Sadattant il-*Gross Value Added* tal-manifattura sa Settembru 2005 kien Lm226 miljun (19%), tan-negozju tal-propjeta' kien 14% (Lm173 miljun), tal-qasam finanzjarju kien Lm93 miljun (7.6%).

Huwa essenzjali u urġenti li nwaqqfu n-niżla li qabad it-turiżmu u nieħdu l-passi meħtieġa biex jerġa' jibda jirpilja u tiela' b'mod qawwi, l-iktar meta nafu xi sfidi kbar għandu quddiemu pajjiżna biex ikabbar oqsma oħra ekonomiċi.

It-turiżmu li jġib fostna nies minn pajjiżi huwa essenzjali għal oqsma oħra kummerċjali fostna. Ikollna bilfors nesportaw il-prodotti u s-servizzi tagħna lejn pajjiżi oħra jew inbiegħu l-prodotti u s-servizzi tagħna lit-turisti li jiġu minn pajjiżi oħra. Aħna ċkejknin wisq bħala pajjiż biex is-servizzi u l-prodotti li noffru jkunu vijabbli lokalment biss.

Ħafna mill-inizjattivi kummerċjali f'ekonomija miftuħa u ċkejkna bħal tagħna għandhom bżonn il-volum biex jirnexxi u dan il-volum jista' jiġi biss mit-turisti, minbarra l-esportazzjoni.

Għalhekk huwa kruċjali li kull proġett li jsir, iżjed u iżjed jekk huwa turistiku, irid jiżgura li se jiġbed biżżejjed klijenti minn barra għax hekk biss ikun vijabbli. Mhux l-ewwel darba li jiġu varati proġetti li jidhru grandjużi iżda mbagħad ifallu għax ikunu jiddependu wisq fuq is-suq ċkejken lokali.

Biex it-turiżmu joħloq l-impjiegi u l-ġid f'pajjiżna rridu noħolqu l-kundizzjonijiet tajbin biex investituri lokali u barranin jitħajru jinvestu fostna fi proġetti ġodda ta' akkomodazzjoni, attrazzjonijiet u faċilitajiet turistiċi oħra. Fl-aħħar snin, bit-turiżmu għan-niżla, b'dan is-settur jitlef mill-profittabilita' u l-vijabilita' tiegħu rajna għadd ta' investituri jitilqu mit-turiżmu f'Malta u f'Għawdex. Dan jurih ukoll it-tnaqqis fis-self għal investiment ġdid minn imprendituri turistiċi li fl-aħħar snin qed ikun fost l-iżjed baxxi fl-aħħar mill-bidu tas-snin 90 'l hawn. Anki fost il-lukandi l-ġodda li qed jinbnew hemm partijiet minnhom aktar immirati għas-suq tat-*timeshare* u aktar jikkwalifikaw bħala żvilupp ta' propjeta'. Imprendituri turistiċi qed jipposponu xogħol meħtieġ biex iġeddu l-istabbilimenti tagħhom għax mhux qed ikollhom biżżejjed dħul mit-turiżmu biex jippermettilhom li jinvestu biex iġeddu jew ikabbru s-servizz u l-prodott tagħhom. Hemm imprendituri li qed ikollhom jaslu f'arranġamenti ġodda mal-banek tagħhom għax mhumiex f'pożizzjoni li jħallsu lura lill-banek kif miftiehem. Hemm lukandi li qed jidħlu f'ċirku vizzjuż għax m'għandhomx dħul biżżejjed inaqqsu n-nefqa billi jnaqqsu l-kwalita' tas-servizzi li jipprovdu, l-operaturi jnaqqsulhom ir-rati u allura jerġa' jkompli jonqsilhom id-dħul.

Il-lukandi ġodda li qed jiftħu lanqas huma biżżejjed biex ipattu għal dawk f'kategoriji 3 u 4 star li għalqu u twaqqgħu. Fl-aħħar sena biss in-numru ta' sodod f'lukandi pajjiżna naqsu b'3908 sodda (9 fil-mija) li jfisser li jekk il-lukandi li baqgħu miftuħa kellhom iżjed turisti, dan ġara mhux għax ġew iżjed turisti iżda għax għalqu iżjed lukandi fostna.
Anki jekk bil-ftuħ ta' iżjed lukandi 5 star se nerġgħu nirkupraw in-numru ta' sodod, jekk ma jaslux iżjed turisti fostna lesti jħallsu r-rati ta' lukandi 5star l-effett se jkun li meta jiftħu iżjed

lukandi se jkollhom inqas turisti u se jitbaxxewlhom ir-rati tal-ħlas li jdaħħlu.

Minħabba li m'humiex qed jiġu f'pajjiżna l-kwantita' u kwalita' ta' turisti li għandna bżonn, l-operaturi turistiċi tagħna mhux biss iridu jlaħħqu ma' l-isfidi u l-kompetizzjoni esterna minn operaturi f'destinazzjonijiet oħra iżda wkoll huma f'kompetizzjoni qawwija interna ma' operaturi Maltin u Għawdxin li qed twassal biex iwaqqgħu l-prezzijiet anki jekk magħfusin bi spejjeż dejjem telgħin.

### Bżonn ta'pjan prattiku mhux miri fl-ajru

Studji riċenti dwar kif sejra l-industrija dinjija tal-lukandi turi li l-hekk imsejħa *budget hotels* qed imorru u fis-snin li ġejjin mistennija jibqgħu jmorru ferm aħjar mil-lukandi 4 u 5 star mad-dinja kollha.

Qed jiżdiedu l-vjaġġaturi li jfittxu *budget hotels* komdi, tajbin u ndaf b'servizzi ta' kwalita' għolja li jiċċarġjaw rati li jippermettu turisti li jivvjaġġaw iżjed ta' spiss. Irridu nifhmu din ix-xejra ġdida f'pajjiżna u nibnu u nsaħħu s-settur tal-*budget hotels* ta' kwalita' tajba u rridu nneħħu l-impressjoni żbaljata u preġudikata li dan is-settur huwa ta' status inferjuri għas-setturi l-oħra.

Għandna bżonn inżidu l-akkomodazzjoni *budget* (anki permezz ta' villaġġi turistiċi) f'pajjiżna waqt li niżguraw li tkun ta' kwalita' tajba. Jekk mhux se nżidu s-settur tal-akkomodazzjoni *budge*t, iżjed lukandi 4 u 5 star f'pajjiżna se jkollhom iċċarġjaw rati *budget* biex ikampaw, waqt li jekk insaħħu s-settur tal-budget u ntejbu -prodott nazzjonali turistiku jkunu jistgħu jibdew jiċċarġjaw iżjed għas-servizzi tagħhom il-lukandi 4 u 5 star.

It-turiżmu f'pajjiżna jkun beda jfiq meta jaslu iżjed turisti f'Malta u f'Għawdex, jonfqu iżjed fostna, jaslu matul is-sena kollha u l-ġid li jħallu jgawdu minnu iżjed Maltin u Għawdxin fil-lokalitajiet kollha tal-gżejjer tagħna.

It-tiġdid fit-turiżmu tagħna mhux se jiġi minn xi qabża kbira mirakoluża 'l quddiem iżda minn sensiela ta' ħafna passi żgħar li anki meta maħsuba biex jagħtu frott malajr iridu jsiru b'sens ta' direzzjoni strateġika ta' viżjoni fit-tul u mhux ta' ħafna ġiri fil-vojt biex tingħata l-impressjoni li qed isir ħafna xogħol li mbagħad ma jwassalx għar-riżultati meħtieġa. Irridu nkunu moħħna u qalbna miftuħa għal kull idea u proposta li tista' ttejbilna t-turiżmu tagħna.

L-intenzjonijiet tajba u l-kliem sabiħ żgur mhumiex biżżejjed. X'jiswa li tiddikjara li mis-sena 2005 sas-sena 2007 it-turisti se jiżdiedu b'50,000 kull sena u ma tgħidx x'tip ta' turisti se

taħdem biex iġġib, mnejn se ġġibhom u kif se ġġibhom? Mhux ta' b'xejn li l-50,000 turist iżjed li kellhom jiġu fis-sena 2005 baqgħu ma ġewx.

Kif kienet sfaxxat fix-xejn il-mira li kienet għamlet l-Awtorita' Maltija tat-Turiżmu li kull sena t-turisti jiżdiedu bi 3%. Kollu għalxejn tagħmel miri fl-ajru jekk ma tfassalx pjan prattiku ta' ħidma u tħaddem ir-riżorsi u l-enerġija meħtieġa biex twettqu.

## Bżonn ta' viżjoni strateġika

Għandna bżonn ta' viżjoni u strateġija ġdida għat-turizmu. Biex il-passi kollha li nagħmlu, nagħmluhom bis-sens għax inkunu nafu fejn irridu naslu u kif se naslu. Il-viżjoni tagħna trid tkun mibnija fuq xi rridu aħna bħala pajjiż mill-industrija tat-turiżmu. Irridu nkunu nafu jekk il-prodotti u servizzi turistiċi li qed noffru għadhomx jgħoddu għaż-żminijiet tal-lum u għaliex mhux jirnexxielna nsibu biżżejjed min jiġi jixtrihom.

Irridu niddeċiedu lil min se nippruvaw nilħqu u xi jrid minna. Irridu nifhmu sewwa lil dawk li qed jikkompetu magħna, b'liema prezz, b'liema kwalita', xi żvantaġġi għandna magħhom u kif nistgħu nnaqqsu dawn l-iżvantaġġi. Irridu nagħrfu x'inhuma l-vantaġġi tagħna, naċċertaw li qed inħarsuhom u nsostnuhom u naraw kif nużawhom mill-aħjar li nistgħu.

Fost il-miljuni kbar li qed jivvjaġġaw fid-dinja tal-lum kemm hawn minn dawk li semgħu b'Malta u b'Għawdex? Meta jisimgħu b'dawn iż-żewġ kelmiet, x'jiġi f'rashom? Qed nikkompetu ma' eluf ta' destinazzjonijiet oħra u rridu naraw x'għandna nagħmlu biex jirnexxielna niġbdu lejna turisti li għandhom ħafna postijiet differenti minn fejn jagħżlu, iżda Malta waħda hawn u Għawdex wieħed hawn u l-*branding* li nagħmlu dwar il-gżejjer tagħna jrid jirrifletti dan. Kif se nġibu iżjed turisti jagħżlu li minn tant destinazzjonijiet jagħżlu l-gżejjer tagħna? Għaliex hemm turisti li ma jridux jiġu fostna? Hemm gruppi ta' vjaġġaturi b'xejriet u ħtiġiet speċifiċi li nistgħu nattiraw lejna b'suċċess u m'aħniex?

Irridu naraw liema huma l-kuntatti l-iżjed effettivi li għandu jkollna f'pajjiżi oħra. Hemm bżonn li naħdmu biex inżidu n-numru ta' dawk li jixtru żjara tagħhom f'pajjiżna huma direttament bl-internet u allura rridu nużaw bl-aħjar mod t-teknoloġija l-ġdida ta' l-informatika b'websajts interessanti dwar pajjiżna u nagħmluha faċli għal min irid iżurna. Fl-istess ħin għandna bżonn ta' relazzjonijiet iżjed effettivi mat-*tour oeprators* biex idaħħluna fil-programmi tagħhom minn kmieni biex jirrikkmandawna bis-serjeta' mal-klijenti tagħhom u mhux jibgħatu lejna l-frak li jaqa' minn destinazzjonijiet oħra.
Il-bżonn ta' iżjed ippjanar strateġiku jinħass ukoll fis-settur privat fejn għad għandna operaturi li jaħdmu bil-ġurnata. Ma jaħsbux fit-tul u jaraw kif jilqgħu għall-problemi spiss meta jkun tard

wisq. Għandna bżonn insaħħu t-taħriġ tal-persuni li jokkupaw postijiet maniġerjali f'dan is-settur. Irridu nipprovdu appoġġ għal dawk l-operaturi li minbarra li jindokraw is-swieq tradizzjonali tagħhom juru kuraġġ u inizjattiva biex jiftħu swieq ġodda għat-turiżmu tagħna.

Fuq kollox hija l-esperjenza diretta ta' dawk li jżuruna li hija l-aħjar reklam li jista' jkollna u li jħajjar oħrajn jiġu fostna jekk dawk li jiġu joħorġu sodisfatti. Biex joħorġu sodisfatti jridu nagħtuhom dak li qed jistennew, anzi iżjed. Dak li nwegħedu fil-*brand* u fir-reklami tagħna rridu nagħtuh konsistentement.

### Infasslu u nwettqu lkoll flimkien

Għandna bżonn pjan ta' ħidma li nfasslu u nwettqu lkoll flimkien ma' kull min għandu x'jaqsam mas-settur turistiku biex inġeddu t-turiżmu tagħna, naraw kif nikkompetu b'mod dejjem effettiv f'suq dinji turistiku li qed ikompli jinbidel u jistenna iżjed minn kull destinazzjoni.

Għandna bżonn pjan nazzjonali ta' ħidma li naqblu fuqu bi prijoritajiet ċari, b'responsabbiltajiet speċifiċi ta' min se jwettaq x'hiex u f'kemm żmien. Għandna bżonn miri ċari li rridu nilħqu u regolarment niċċekkjaw aħniex nilħquhom u niċċekkjaw il-miri stess u nqabblu l-ħin kollu lilna nfusna mal-kompetituri tagħna dwar kif sejrin f'dak li noffru u niksbu.

Hemm bżonn li b'urġenza kbira niffokaw fuq il-problemi fundamentali li għandha l-industrija tat-turizmu f'Malta u f'Għawdex. L-industrija tat-turiżmu tagħna bħalissa qisha vapur fuq l-*auto pilot*. Miexi fl-għama bla viżjoni ċara. Mexjin mingħajr ma qed nagħtu każ tal-effiċjenza tal-vapur tagħna, kif qed inkunu effettwati mill-kondizzjonijiet tal-baħar ta' madwarna. Ftit qed nistaqsu lilna nfusna jekk wasalx iż-żmien li nbiddlu r-rotta li stabbilejna għoxrin, jew tletin, sena ilu.

M'aħniex kuntenti bil-mod kif sejra l-industrija tat-turiżmu f'pajjizna. Lesti li naghmlu dak li hu meħtieġ biex din l-industrija tqum fuq saqajha. Il-pjan biex inġeddu u nqajmu fuq saqajha l-industrija tat-turiżmu nagħmluh bl-involviment sħiħ fil-proċess tal-ippjanar tal-istakeholders fl-industrija tat-turiżmu, it-turisti nfushom, l-operaturi fl-industrija, il-gvern, l-impjegati fl-industrija.

Nidħlu għal impenn shih biex wara li jkun approvat il-pjan strategiku jkunu assenjati ir-responsabbiltajiet li joħorġu minnu biex dak li jkun meħtieġ li jsir, isir u dan fiż-żmien maqbul. Issir valutazzjoni kontinwa fuq livell nazzjonali tar-riżultati miksuba bil-għan li jittieħdu azzjonijiet rimedjali maqbula u effettivi kull meta nindunaw li mhux qed naslu biżżejjed fejn irridu naslu.

Il-proċess ta' riflessjoni, ippjanar u tfassil ta' pjan strateġiku ta' azzjoni, m'għandux jieħu aktar minn sena li matulha rridu nkunu żguri li qed nifhmu l-elementi kollha li qed jaffettwaw l-industrija tat-turizmu tagħna. Waqt li nippjanaw x'passi se nieħdu fit-tul, nibdew nieħdu passi immedjati li jtejbu t-turiżmu għax pajjiżna ma jiflaħx jitlef iżjed żmien u jibqa' jaqa lura.

Fuq kollox, il-programm ta' azzjoni u riflessjoni fuq xi nkunu qed nagħmlu hu proċess kontinwu għax id-dinja u t-turiżmu se jkomplu jinbidlu. Ma rridux nibqgħu ngħoddsu fis-sitwazzjoni preżenti fejn fl-industrija tat-turiżmu f'Malta 'kollox jimxi waħdu' u ndumu biex niċċaqalqu biex nirranġaw dak li hemm bżonn nirranġaw u nbiddlu fejn hemm bżonn biex nimxu 'l quddiem.

**Bżonn il-kwantita' u l-kwalita'**

M'hemmx dubju li biex nerġgħu nqajmu u nġeddu t-turiżmu tagħna rridu ntejbu l-kwalita' tal-prodott li għadna noffru s'issa kif ukoll nibdew noffru prodotti ġodda biex nibdew niġbdu lejna kwalita' ġdida ta' turiżmu. Biex ikollna ħafna impjiegi u ġid mifrux ġej mit-turiżmu hemm bżonn li nirkupraw u nikkonsolidaw kemm it-turiżmu li kellna s'issa, kif ukoll noħolqu turiżmu ġdid. Titjib fil-prodott, servizz iżjed professjonali f'kull qasam, ħarsien aħjar ta' l-ambjent u tal-wirt storiku, ċelebrazzjoni ta' l-identita' u tal-kultura tagħna fil-pajsaġġ, għixien, mużika u ikel tagħna ...għandna bżonnhom kemm biex nirkupraw it-turiżmu tal-massa kif ukoll biex niġbdu lejna turiżmu ta' kwalita' għolja.

Dawn iż-żewġ miri ewlenin huma marbutin flimkien u jkun żball kbir li t-turiżmu f'pajjiżna jitmexxa qishom dawn iż-żewġ miri huma kontra xulxin. Anki t-turisti tal-massa llum huma ta' kwalita` differenti minn ta' qabel u jridu servizzi aħjar u esperjenza sabiħa għax għandhom destinazzjonijiet ġodda li qed joffrulhom dawn it-tip ta' vaganzi.

Flok nitkellmu dwar turisti tal-massa u turisti tal-kwalita' jagħmel ħafna iżjed sens nitkellmu dwar kemm jonfqu u jħallu flus f'pajjiżna l-kategoriji differenti ta' turisti li jiġu fostna. Jagħmel ħażin min ikompli jassoċja t-turist tal-massa ma' turist li jonfoq ftit. Wara kollox l-esperjenza f'pajjiżna stess f'dawn l-aħħar snin qed turina li meta sar l-isforz biex flok hekk imsejħa turisti tal-massa nġibu turisti ta' kwalita' differenti, in-nefqa tat-turisti fostna rasimbras baqgħet tonqos.

Mingħajr kwantita' ta' turisti, inkluż mingħajr kwantita' ta' turisti hekk imsejħa tal-massa, ma nkunux kapaċi nsostnu f'pajjiżna s-servizzi ta' l-ivvjaġġar, ta' akkomodazzjoni, ta' ristoranti, ta' attrazzjonijiet u faċilitajiet li għandna bżonn bħala destinazzjoni vijabbli għax ma jkollniex il-volum li jeħtieġ u biex ikampaw u jrendu.

F'pajjiż ċkejken bħal tagħna meta ngħidu li rridu turisti ta' kwalita' jfisser li nkunu rridu ntejbu l-pajjiż kollu u nagħmluh ta' kwalita' ferm ogħla. It-turisti iridu u jistennew lukandi tajbin u nodfa iżda jridu l-pajjiż li jżuru hekk ukoll fil-livell tal-indafa, il-kwalita' tat-toroq, l-esperjenzi kulturali, il-pajsaġġ naturali, il-faċilitajiet sportivi, tas-saħħa u tad-divertiment, it-trasport u s-servizzi kollha li jiġu bżonn mhux biss fejn ikunu akkomodati iżda fil-pajjiż kollu. Mit-tpaċpiċ hemm bżonn ngħaddu għall-ħidma bis-serjeta' f'dan il-qasam.

L-aħjar destinazzjonijiet turistiċi llum kapaċi joffru firxa sħiħa ta' servizzi u ta' esperjenzi ta' kwalita' għolja u jħajru lejhom kemm turisti tal-massa li saru iżjed esiżenti u qed jitolbu vaganzi ta' kwalita' aħjar kif ukoll turisti ta' kwalita' li jridu prodotti ġodda u lesti jonfqu iżjed għalihom. Il-gżejjer tagħna wkoll, skond kif jippermettu ċ-ċirkustanzi u l-karatteristiċi tagħna, iridu joffru servizzi u esperjenzi ta' kwalita' għall-firxa sħiħa ta' turisti li rridu niġbdu lejna tul is-sena kollha jekk irridu nikkompetu mal-eluf ta' destinazzjonijiet oħra turistiċi fid-dinja tal-lum, kemm qribna u kif ukoll 'il bogħod minna.

**Tas-sajf u lilhinn minnhom**

Ma jagħmilx sens li naħsbu li għandna nabbandunaw lit-turisti li jiġu fis-sajf għax-xemx, il-baħar u d-divertiment biex niġru wara turisti li qed ifittxu servizzi u esperjenzi ġodda u lesti jħallsu iżjed għalihom. Għandna bżonn niġru kemm wara dawk li jiġu fis-sajf għax-xemx kif ukoll dawk li nixtiequhom jiġu fil-bqija tas-sena għall-esperjenzi u servizzi oħra.

Destinazzjonijiet ġodda li għadhom qed jibnu l-industrija turistika tagħhom jistgħu forsi jagħżlu li jiġbdu biss ftit eluf ta' turisti sinjuri lejhom. Iżda destinazzjoni bħalna li nbniet fuq it-turiżmu tal-massa u li tħaddem eluf kbar ta' nies ma tistax iżżarma lilha nnifisha u tiċkien l-iżjed meta l-bqija ta' l-ekonomija mhix toffri opportunitajiet ġodda ta' ħolqien ta' impjiegi u ġid.

M'għandniex għażla oħra. Irridu ntejbu l-prodotti tagħna, kemm dawk li offrejna u għadna noffru s'issa għal min ġie u għadu jrid jiġi fostna u rridu noffru prodotti ġodda ta' kwalita' għolja għat-turisti l-ġodda li qed jiżdiedu fid-dinja tal-lum.

Kemm jekk irridu nirkupraw it-turisti mis-swieq tradizzjonali tagħna kif ukoll jekk irridu niġbdu lejna turisti ġodda mill-istess swieq u minn swieq ġodda rridu nħarsu sewwa l-ambjent, infejjquh fejn tħassar, niżviluppaw aktar il-wirt storiku u kulturali tagħna, nippreżentawh professjonalment, niżguraw li kull servizz li jużaw it-turisti f'pajjiżna jkun ta' kwalita' tajba. Fil-gżejjer tagħna titjib fil-kwalita` ta' l-ambjent ta' pajjizna jservi kemm għalina li ngħixu hawn tul ħajjitna kif ukoll għal dawk li jigu jżuruna għall-ftit jiem tas-sena. Il-gżejjer tagħna tant huma ċkejknin li l-ftit spazju ffullat li għandna rridu naqsmuh mat-turisti. Fl-istess ħin pajjiżna

kollu kemm hu huwa żona turistika li meta nieħdu ħsiebha, nżommuha nadifa u sabiħa inkunu qed nagħmlu hekk għalina lkoll.

Irridu ntejbu s-servizzi u l-esperjenzi għal dawk li jiġu jgħumu u jiddevertu fis-sajf. Irridu noħolqu prodotti ġodda għall-bqija tas-sena biex jiġu turisti differenti. Irridu nżommu s-swieq mnejn jiġu l-iżjed turisti u anki nżidu t-turisti minnhom u rridu wkoll infittxu swieq ġodda. Bi prodotti aħjar u ġodda inkunu kompetittivi iżjed kemm biex inżommu s-swieq li diġa' għandna u biex nirbħu swieq ġodda. Dawn il-miri, għalkemm differenti, mhumiex kontra xulxin, iridu jinħadmu b'mod li jkunu kumplimentari għal xulxin u jsaħħu lil xulxin. Is-suċċess irridu nkejluh b'kemm jiġu turisti u b'kemm jonfqu fostna u nagħmlu li hemm bżonn biex iżjed flus milli jonfqu jibqgħu fostna u mhux jerġgħu joħorġu 'l barra.

Biex nilħqu dawn il-miri kollha rridu turiżmu li jkun sostenibbli, li kapaċi jmur tajjeb u jagħmel il-ġid kemm ambjentalment, kif ukoll ekonomikament u soċjalment. Biex nilħqu dawn il-miri u nġeddu t-turiżmu hemm bżonn li l-gvern kollu jkun dedikat biex isewwi u jsebbaħ l-ambjent fil-pajjiż, imexxi aħjar b'inqas taxxi u jkun ta' appoġġ kontinwu għal min jaħdem b'mod serju fit-turiżmu.

### Iżjed investiment

Hemm bżonn noħolqu ambjent ekonomiku u finanzjarju biex min għandu xi forma ta' investiment fit-turiżmu, fl-oqsma ta' l-akkomodazzjoni, divertiment, ikel, trasport, servizzi edukattivi, faċilitajiet kulturali u sportivi jara li dan l-investiment qed jirrendilu. Jekk jaraw li sejrin ħażin, kif ħassew u għadhom iħossu ħafna imprendituri fit-turiżmu, dan il-qasam ikun mhedded u żgur ma jitħajrux jersqu investituri ġodda meta jaraw dawk eżistenti jaqtgħu qalbhom u jmorru lura.

L-imprendituri turistiċi qed jaraw l-ispejjeż jiżdidulhom. Id-dħul tagħhom jibqa' l-istess jew imur lura. Taxxi u kontijiet telgħin. Gvern li jżidilhom il-problemi flok jgħinhom isolvuhom. It-taxxi u l-ispejjeż l-oħra imposti mill-gvern għollew il-prezz tal-vaganzi u ż-żjarat f'pajjiżna meta mqabbla mal-prezzijiet tal-kompetituri tagħna.

Biex infejqu t-turiżmu il-pajjiz kollu jrid jitmexxa aħjar. Il-gvern irid joħloq ambjent ekonomiku tajjeb fil-pajjiż fejn iħalli iżjed flus għand l-imprendituri biex jinvestu mill-ġdid fit-turiżmu u biex ikunu jistgħu jagħtu kundizzjonijiet aħjar lill-impjegati tagħhom ħalli jerġa` jkun hawn il-flus fl-idejn u jkun hawn titjib fil-ħajja tal-familji tagħna.

F'dawn l-aħħar snin żdiedu f'dan il-qasam dawk li jaħdmu bħala *part-timers* jew b'kuntratti

għal żmien qasir, bi ħlas baxx u dejjem inkwetati kemm se jdumu ma jitilfu x-xogħol. Anki dawk li jaħdmu tal-fiss u b'mod regulari f'dan il-qasam raw il-pagi u l-kundizzjonijiet tagħhom tax-xogħol jaqgħu lura meta mqabbla ma' impjiegi f'oqsma oħra. Dan ma jawgurax tajjeb għal dan il-qasam u jżomm 'il bogħod minnu dawk li huma mħarġa tajjeb biżżejjed u għandhom il-ħiliet meħtieġa biex ifittxu u jsibu xogħol aħjar f'oqsma oħra u hekk jispiċċaw jaħdmu f'dan il-qasam ħafna nies li mhux għax għażlu t-turiżmu iżda għax ma jistgħux isibu xogħol ieħor.

Biex inġeddu t-turiżmu tagħna u nkunu kapaċi nikkompetu aħjar għandna bżonn li n-nies li jaħdmu f'dan il-qasam ikunu motivati iżjed, imħarġa aħjar u bil-ħiliet rilevanti biex jingħata servizz tajjeb lit-turisti biex iħossuhom mhux biss stmati tajjeb iżda qalb il-ħbieb. Għalhekk hemm bżonn jinħoloq l-ambjent ekonomiku tajjeb għall-operaturi turistiċi tagħna biex jagħmlu iżjed flus biex ikunu jistgħu jinvestu wkoll fin-nies li jaħdmu magħhom.

### Inħaffu l-piż tat-taxxi

Is-settur turistiku u ta' l-ivvjaġġar f'pajjizna għandu l-ogħla rata ta' taxxi fl-Ewropa u b'dan il-piż żgur ma jistax jikkompeti tajjeb ma' destinazzjonijiet oħra. Mill-1999 'l hawn il-gvern żied it-taxxi fuq l-aġenti ta' l-ivvjaġġar, fuq il-kmamar tal-lukandi, fuq l-istabbilmenti ta' l-ikel u fuq dawk li jsiefru. Daħħal it-taxxa tal-VAT ta' 18% fuq ir-ristoranti. Daħħal l-*eco tax* (bla ma naqqas taxxi oħrajn biex ipatti kif għamlu gvernijiet oħra li wżaw l-*eco tax* biex tassew iħarsu l-ambjent u mhux biex jiġbru l-flus kif għamel il-gvern). Għolla t-tariffi tal-Gozo Channel. Daħħal surcharge qawwija fuq id-dawl u l-ilma u għolla l-prezzijiet tal-fuel li kollha huma miżuri li jkomplu jżidu b'mod qawwi l-ispejjeż għall-operaturi turistiċi u ta' l-ivvjaġġar fi żmien meta d-dħul tagħhom huwa dgħajjef.

Mis-sena 2000 sas-sena 2004 id-dħul tal-gvern mit-taxxi żdied minn Lm541.2 miljun għal Lm702 miljun, żieda ta' Lm 161 miljun, żieda ta' 30%. Fl-istess żmien l-ekonomija kibret minn Lm1662 miljun għal Lm1828; żieda ta' inqas minn wieħed fil-mija. Fl-istess żmien bejn is-sena 2000 u 2004 id-dħul mit-turiżmu żdied bi ftit inqas minn miljun lira: minn Lm268.2 miljuni għal Lm269.1, żgur li dan id-dħul ma kienx biżżejjed biex in-nies fis-settur turistiku jkunu jifilħu għal kif żdiedulhom it-taxxi u l-ispejjeż.

Il-gvern għandu juża t-taxxi mhux biss bħala mod biex jiġbor il-flus iżda wkoll bħala għodda biex nikkompetu aħjar mal-kompetituri tagħna. Fl-aħħar snin il-unions tal-ħaddiema fehmu li jridu jrażżnu t-talbiet tagħhom għall-pagi ogħla biex ma jtellfux il-kompetittivita'. L-imprendituri ma jistgħux jgħollu l-prezzijiet iżjed milli jippermettulhom is-swieq internazzjonali. Min-naħa tiegħu l-gvern baqa' jgħolli t-taxxi bla ta każ kemm tefagħna lura wara pajjiżi oħra fit-tellieqa tal-kompetiitivita'.

Flimkien ma' gvernijiet ta' stati membri oħra ta' l-Unjoni Ewropea għandu jieħu inizjattivi biex ikun hemm livelli ta' taxxi u qafas ta' regolamenti tajba li jġibu 'l quddiem flok ma jitfgħu lura t-turiżmu Ewropew meta għandu kompetizzoni tant ħarxa mit-turiżmu f'inħawi oħra tad-dinja. F'dinja li qed tkompli tinbidel b'mod mgħaġġel l-Unjoni Ewropea taqa' lura jekk ma tinbidlix ukoll biex tilqa' l-isfidi l-ġodda quddiemna.

S'issa l-gvern uża r-riżorsi tiegħu biex jgħabbi lis-settur turistiku bid-dħul u l-infurzar ta' regolamenti Ewropej li pajjiżi oħra qed jieħdu iżjed żmien biex idaħħluhom flok ma uża r-riżorsi tiegħu biex jara u jaħtaf l-opportunitajiet li hemm tal-programmi u fondi ta' l-Unjoni Ewropea għall-iżvilupp u t-titjib tal-prodott turistiku f'pajjiżna. Il-gvern hemm bżonn ikollu nies apposta li xogħolhom ikun li jaraw x'fondi u programmi tal-UE mmexxija direttament minn Brussel u l-Lussemburgu jistgħu jinġiebu lejn pajjiżna mis-settur privat u għaqdiet non-governattivi għall-iżvilupp tat-turiżmu f'pajjiżna.

Waqt li nnaqqsu t-taxxi, inneħħu l-burokrazija żejda u r-regolamenti esaġerati, ndawru r-riżorsi u l-enerġija tal-gvern u l-istrutturi pubbliċi biex jaħdmu flimkien biex insebbħu pajjiżna, inżommuh nadif, ninfurzaw il-liġijiet, noħolqu inċentivi għal kull min irid jinvesti b'mod serju fit-turiżmu u flimkien mas-settur privat naħdmu biex niġbdu lejn pajjiżna turisti matul is-sena kollha f'oqsma differenti fejn pajjiżna għandu x'joffri daqs u iżjed minn ħaddieħor.

### Gvern li jaħdem b'mod integrat

Gvern nazzjonali u lokali, settur privat, strutturi pubbliċi, sieħba soċjali u għaqdiet non-governattivi jfasslu u jwettqu flimkien pjan strateġiku nazzjonali ta' ġidma fit-turiżmu. Dan il-pjan għandu jkun mibni fuq il-vantaġġ uniku li għandna li fi ftit żmien u minħabba ċ-ċokon tal-gżejjer tagħna dawk li jżuruna jistgħu igawdu diversita' sħiħa ta' esperjenzi fi sfond ta' eluf ta' snin ta' storja ta' ċiviltajiet differenti.

Jittieħdu inizjattivi biex il-pajjiż kollu jagħti sehemu biex noħolqu esperjenzi sbieħ u sodisfaċenti għat-turisti li jżuruna. F'pajjiż taċ-ċokon tagħna t-turisti jiġu f'kuntatt ma' ħafna minn dak li joffri pajjiżna u allura jrid ikun il-pajjiż kollu li jaħdem flimkien biex inkunu destinazzjoni turistika ta' kwalita' li tħabbatha tajjeb ma' dawk kollha li jikkompetu magħna.

Biex it-turiżmu jfiq u jiġġedded f'pajjiżna hemm bżonn li l-gvern kollu jaħdem flimkien, b'ministeri u dipartimenti jikkordinaw bejniethom. Kemm fit-tfassil tal-miżuri tagħhom kif ukoll fil-ħidma tagħhom jaraw li kulma jagħmlu hu biex iġibu t-turiżmu 'l quddiem. Qabel jiddaħħlu miżuri tal-gvern ikun hemm studju serju x'impatt se jħallu fuq it-turiżmu biex jitwarbu deċiżjonijiet li jagħmlulu l-ħsara u jitfgħuna lura fil-kompetizzjoni ħarxa li għandna ma' pajjiżi oħra.

Din il-ħidma integrata tal-gvern tkun ikkordinata fil-livell tal-kabinett u jkollha direzzjoni strateġika u li tippjana għall-quddiem u ma tkunx sempliċiment tirreaġixxi biss għall-problemi ta' kuljum kif qed jagħmel il-kumitat inter-ministerjali tat-turiżmu ta' bħalissa. Biex it-turiżmu tagħna nġedduh hemm bżonn nieħdu passi immedjati li jħallu frott tajjeb malajr kif ukoll nippjanaw għat-tul.

Ikun hemm ukoll kollaborazzjoni sħiħa mal-kunsilli lokali biex pajjiżna jinżamm ħafna aħjar u biex il-wirt storiku u kulturali lokali jkun jista' jiġi apprezzat u jitgawda kemm minna stess kif ukoll minn dawk li jżuruna.

**Inġeddu l-Awtorita' Maltija tat-Turiżmu**

Jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex din l-Awtorita' flok isservi ta' piż għal dawk li jħallsu t-taxxi u ta' xkiel għas-settur turistiku, tkun għodda effettiva biex flimkien mal-gvern, is-settur privat, l-imsieħba soċjali u l-għaqdiet non-governattivi ssaħħaħ u ġġedded it-turiżmu f'pajjiżna. Mindu twaqqfet din l-Awtorita' belgħet iżjed minn Lm50 miljun u serviet iżjed biex il-ministri tat-turiżmu jagħmlu l-pjaċiri lil tal-qalba milli biex tiġbed iżjed turisti lejn pajjiżna.

Biex it-turiżmu jfiq l-Awtorita' ma tistax tibqa' mitlufa u magħluqa fiha nnifisha, tehda b'dettalji amministrattivi trivjali ta' kuljum flok tagħti s-sehem ewlieni tagħha mal-gvern u s-settur privat u l-għaqdiet non-governattivi fit-tfassil u t-twettiq tal-pjan nazzjonali strateġiku li t-turiżmu fil-gżejjer tagħna għandu bżonn biex jimxi ' quddiem.

L-Awtorita' Maltija tat-Turiżmu, b'rappreżentanza effettiva tas-settur privat, tal-imsieħba soċjali u tas-soċjetà ċivili trid tikkonċentra fuq il-funzjoni ewlenija tagħha li tmexxi u tikkordina t-titjib, l-iżvilupp u l-ħolqien tal-prodotti u servizzi turistiċi tagħna u tara li jsiru magħrufa f'pajjiżi oħra li minnhom nimmiraw biex inġibu t-turisti lejna. L-Awtorita` trid taħdem ma` strutturi oħra pubbliċi li jippromwovu lill-pajjiżna għall-investiment fil-manifattura, fis-servizzi finanzjarji u f'ħidmiet ekonomiċi oħra.

Issir riflessjoni serja dwar jekk ħalliex il-frott mixtieq l-esperiment riskjuż tal-Awtorita' li tagħlaq ħafna mill-uffiċċji tagħha f'pajjiżi oħra u flokhom taħtar aġenti barranin. Jekk dan il-pass ma jġibx ir-riżultati mixtieqa, jerġgħu jinfetħu l-uffiċċji f'pajjiżi u jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex jaħdmu b'mod effettiv.

Il-pjan ta' ħidma biex nippromwovu l-gżejjer tagħna fil-bqija tad-dinja jkun integrat b'mod li r-reklamar ikun marbut mal-miri u mal-kalendarju ta' attivitajiet fostna u valutazzjoni serja ta' kemm qed inkunu effettivi biex niġbdu t-turisti li rridu jigu. Il-valutazzjoni trid issir mhux biss

billi nqabblu kif sejrin ma' kif morna qabel iżda kif sejrin meta nqabblu lilna nfusna ma' dawk li qed jikkompetu magħna. L-Awtorita` trid titmexxa b'mod li l-ħin kollu tiftakar li hija mhix għan fiha nnifisha iżda mezz biex jintlaħqu l-għanijiet u l-miri li fostna jiġu iżjed turisti, jiġu matul is-sena kollha, jonfqu iżjed u l-benefiċċji li jħallu jgawdi minnhom il-familji Maltin u Għawdxin fl-inħawi kollha tal-pajjiż.

Fl-Awtorita' nsaħħu l-ħidma ta' riċerka u żvilupp biex nifhmu u nagħrfu t-tibdil li jkun qed iseħħ biex naħtfu l-opportunitajiet ġodda li se jibqgħu jitwieldu biex niżviluppaw u nġeddu t-turiżmu tagħna.

L-Awtorita` Maltija tat-turiżmu tappoġġja bil-flus u r-riżorsi umani tagħha l-oqsma differenti tat-turiżmu tagħna għax ħafna mill-operaturi tagħna waħedhom huma ċkejknin wisq biex jikkompetu tajjeb fis-suq dinji.

### Kwalita' aħjar ta' deċiżjonijiet

Biex inġeddu t-turiżmu tagħna rridu ntejbu l-kwalita' tad-deċiżjonijiet li nieħdu f'dan il-qasam u ntejbu l-mod ta' kif nieħduhom u kif nippjanaw u nwettqu l-ħidma tagħna. Irridu nibdew nieħdu deċiżjonijiet effettivi għax ibbażati fuq il-fatti u mhux sempliċiment fuq l-intuwizzjonijiet, l-interessi u l-gosti personali ta' min jeħodhom.

Biex nimmobilizzaw s-settur kollu tal-ivvjaġġar u t-turiżmu għat-tiġdid meħtieġ hemm bżonn nikkonsultaw bis-serjeta' u ndaħħlu b'mod iżjed sħiħ fit-tfassil u fit-twettiq tad-deċiżjonijiet lil dawk kollha involuti.

Irridu niżguraw ukoll li ntejbu l-istatisika tat-turiżmu f'pajjiżna u ndaħħlu l-metodu tat-*Tourism Satellite Accounting* (TSA) li jkejjel ferm aħjar id-dħul mit-turiżmu fl-oqsma ekonomiċi kollha.

Ma rridux statistika biex tiġi mmanipulata mill-gvern bħala propaganda rħisa kif għadu jiġri s'issa. Irridu statistika serja biex isservi ta' għodda serja biex turina kif tassew qed immorru u x'passi għandna nieħdu biex nirranġaw fejn sejrin ħażin u nmorru aħjar fejn sejrin tajjeb. Ma jistax ikun nibqgħu fis-sitwazzjoni li ninsabu fiha bl-istatistika differenti u konfliġġenti li joħorġu l-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika, l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, l-Awtorita' Maltija tat-turiżmu u l-Assoċjazzjoni Maltija tal-Lukandiera u Ristorantiera qishom qed jitkellmu dwar it-turiżmu f'erba pajjiżi differenti. Titjieb il-metodoloġija li biha tinħadem l-istatistika ta' kemm jaslu u jonfqu t-turisti f'pajjiżna biex issir iżjed preċiża biex tirrifletti dejjem aħjar u b'mod iżjed sħiħ x'ikun qed jiġri tassew f'dan il-qasam.

**L-ivvjaġġar lejn il-gżejjer tagħna**

Bħala gżejjer it-turisti jistgħu jaslu għandna permezz tal-ajru u l-baħar biss u għalhekk aħna nitilfu awtomatikament dawk it-turisti li jippreferu jivvjaġġaw bil-karozzi jew bil-ferrovija. Il-prezz tal-vjaġġ sar parti importanti mid-deċiżjoni xħin it-turisti jiġu biex jiddeċiedu fejn se jmorru. Illum it-turisti għandhom firxa sħiħa ta' servizzi ta' l-ivvjaġġar bl-art, bl-ajru u bil-baħar u numru dejjem ikbar qed jagħżlu destinazzjonijiet li jistgħu jaslu fihom bl-irħis u mingħajr ħafna taħbit. Naħdmu biex lejn pajjiżna joperaw l-hekk imsejħa *low cost airlines*.

Iżjed turisti qed jagħġlu li jivvjaġġaw bl-irħis u joqogħdu f'akkomodazzjoni *budget* biex ikunu jistgħu jieħdu iżjed vaganzi iqsar u ta' spiss u biex dak li jiffrankaw fuq il-vjaġġi u l-akkomodazzjoni jonfquh fuq ristoranti, servizzi u esperjenzi oħra turistiċi.

Il-gżejjer tagħna jkomplu jaqgħu lura jekk it-turisti jsibuha iżjed diffiċli biex jiġu fostna jew għax il-prezzijiet ogħla jew għax m'hemmx biżżejjed rotot u konnessjonijiet komdi għalihom biex jaslu fostna. Ma nistgħux nibqgħu nitilfu nies li jridu jiġu fil-gżejjer tagħna iżda ma jiġux għax titjira ta' xi tliet siegħat malajr issir ta' 10 għax m'hemmx konnessjonijiet tajbin u li tqum ħafna iżjed minn titjiriet lejn pajjiżi oħra.

Il-gvern jieħu l-miżuri serji meħtieġa biex il-qasam ta' l-ivvjaġġar f'pajjiżna jaddatta ruħu għaż-żminijiet tal-lum fejn l-ivvjaġġar bl-ajru huwa liberalizzat u l-kumpaniji tradizzjonali ta' l-ajru għandhom kompetizzjoni qawwija minn linji ġodda ta' l-ajru li jaħdmu b'mod ġdid biex iġorru l-passiġġieri magħhom.

Anki l-ajruporti nazzjonali tradizzjonali qed jiffaċċjaw kompetizzjoni ġdida minn ajruporti sekondarji li joffru inċentivi biex iħajru linji ta' l-ajru joperaw minnhom. Irridu naraw li anki bħala regolatur l-gvern jara li l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta iqis bħala l-akbar prijorita' tiegħu t-tisħiħ u l-iżvilupp tal-oqsma tat-turiżmu u l-ivvjaġġar u mhux ikun ta' piż għalihom.

Pajjiżna ma jistax jinqata' barra minn dan it-tibdil għax jekk ma jieħux ukoll il-vantaġġi li jista' minnu, jaqa' lura għax jiġdidulu l-iżvantaġġi u inqas turisti jżuruh.

Il-gvern jara li pajjiżna joffri wkoll inċentivi u joħloq il-kundizzjonijiet meħtieġa biex iżjed linji ta' l-ajru joperaw minn iżjed ajruporti ta' pajjiżi lejn il-gżejjer tagħna bla ma jdgħajjef is-servizz ta' dawk il-linji li diġa' joperaw u ilhom joperaw lejn pajjiżna.

Biex inġeddu t-turiżmu lejna għandna bżonn ta' rotot ġodda lejn pajjiżna, titjiriet iżjed frekwenti u titjiriet li jkunu f'ħinijiet komdi għat-tipi ġodda ta' vaganzi fi tmiem il-ġimgħa li żgur ma jaffordjawx jitilfu l-ħin jivvjaġġjaw jew jistennew fl-ajruporti.

Fl-istess ħin il-gvern jgħin lill-kumpanija nazzjonali ta' l-ajru Air Malta tinbidel kif hemm bżonn biex tkun kapaċi ssalva u tirnexxi fl-ambjent liberalizzat u kompetittiv tal-lum għax il-gżejjer tagħna żgur għandhom bżonn li jibqa' jkollhom il-linja nazzjonali ta' l-ajru tagħhom u mhux isiru jiddependu biss fuq linji ta' l-ajru li joperaw lejn pajjiżna kif u meta jaqblilhom biss. Huwa fl-interess tal-industrija turistika u tal-pajjiż kollu li jkollna Air Malta b'saħħitha u kapaċi tikkompeti fid-dinja tal-lum. Nagħmlu dak li hu meħtieġ biex inġeddu lill-Air Malta għax mingħajrha ma nġeddux lit-turiżmu f'pajjiżna.

Minbarra li nieħdu passi biex inżidu s-servizzi bl-ajru lejn pajjiżna rridu wkoll nieħdu passi biex inħajru iżjed vapuri jżuru l-gżejjer tagħna, inkluż dawk il-vapuri li bħal-linji l-ġodda ta' l-ajru qed joffru vjaġġi iżjed irħas u jiġbdu tipi ġodda ta' passiġġieri żgħażagħ. Dawn il-passiġġieri żgħażagħ ifittxu esperjenzi kulturali u ta' divertiment u servizzi ta' akkomodazzjoni u ta' ikel li f'ċerti aspetti diġa' għandna u f'ċerti aspetti oħra rridu noħolqu prodotti ġodda għalihom.

### Pajjiż wieħed - diversita' ta' esperjenzi

Waqt li fost dawk li rridu niġbdu lejna nippreżentaw xbieha waħda u ffukata ta' pajjiżna għandna nuru d-diversita' ta' esperjenzi li joffru lokalitajiet differenti fil-gżejjer tagħna. Kull lokalita' titlob li nużaw għodda partikulari u differenti biex tgawdi mil-benefiċċji tat-turiżmu. Għandna nsaħħu l-isforzi tagħna biex il-lokalitajiet kollha jgawdu minn iżjed turisti li jżuruhom matul is-sena kollha u jonfqu iżjed. Tingħata spinta lil-lokalitajiet fin-naħa t'isfel ta' Malta biex jibdew igawdu minn żvilupp iżjed qawwi tat-turiżmu fostna.

Il-prodotti u s-servizzi tagħna turistiċi jiddependu mil-lokalitajiet tagħna u allura rridu ntejbu l-lokalitajiet tagħna biex niġbdu lejna u nissodisfaw lil dawk li jirnexxielna nġibuhom fostna għax jaraw li kapaċi noffrulhom f'lokalitajiet differenti dak li qed ifittxu. Il-vantaġġ kbir kompetittiv li għandna hu li waqt li f'pajjiżi oħra l-lokalitajiet differenti huma 'l bogħod minn xulxin u turist ma jkunx jista' jżurhom f'vaganza waħda, iċ-ċokon tagħna jippermetti li turist ikollu ħafna x'jagħmel u x'jara f'lokalitajiet differenti li jista' jilħaq malajr fl-istess ftit jiem li jqatta' fostna. It-temp ġeneralment sabiħ tagħna jżidilna l-vantaġġi f'dan il-qasam, kif ukoll li flimkien mal-gżira Għawdxija b'koperazzjoni bejn il-lukandi taż-żewġ gżejjer nistgħu noffru vaganza ta' żewġ destinazzjonijiet.

Iżda biex ingawdu l-frott tal-vantaġġi kompetittivi rridu niżguraw li niċċelebraw u niżviluppaw id-diversita' tal-lokalitajiet tagħna u mhux inġibuhom bħal xulxin. Għalhekk importanti wkoll li nsalvaw il-karatteristiċi naturali, arkitettoniċi u kulturali tad-diversi lokalitajiet tagħna. Jekk innaqqsu d-diversita' tal-lokalitajiet tagħna nfaqqru l-firxa ta' prodotti u servizzi li nistgħu

noffru għalhekk għandna bżonn użu serju u għaqli tat-territorju tagħna.

M'għandniex inkomplu neqirdu mill-ambjent rurali li fadlilna jekk irridu li kemm aħna stess u kemm fost dawk li jżuruna jkollna fejn nimxu għall-arja, qalb l-għelieqi u l-blat, 'il bogħod mill-bini u l-karozzi. Jittieħdu miżuri, anki legali, biex id-dritt għall-aċċess fil-kampanja, ix-xagħri u x-xtut tagħna jkun assigurat fil-prattika. B'inizjattivi serji nistgħu niżviluppaw l-agrituriżmu f'Malta u f'Għawdex fejn noffru esperjenzi interessanti għal turisti li jridu jqattgħu l-jiem tagħhom fostna jgħixu mal-bdiewa fl-irziezet u jaħdmu l-għelieqi magħhom u jieħdu sehem f'ħidmiet oħra tal-biedja lokali.

Għandna nibdew infejqu l-partijiet ta' l-ambjent li ħassarna. Kemm jista' jkun proġetti ġodda għandhom isiru fuq art diġa' wżata jew tassew żdingata u li se titjieb bil-proġett li se jsir fuqha. M'għandniex neqirdu iżjed ambjent naturali b'iżjed bini bl-iskuża ta' korsa ġdida tal-golf. Għandna l-ewwel intejbu għal-livell internazzjonali l-korsa tal-golf tal-Marsa. Għandna wkoll nirrijabilitaw il-muntanja ta' skart tal-Magħtab u nibdluha f'korsa tal-golf.

Il-partijiet tal-baħar li ħassarna bit-tniġġis tad-drenaġġ jew bl-irziezet tal-ħut hemm bżonn infejquhom b'impjanti tat-tisfija u billi noħorġu l-irziezet tal-ħut 'il barra mix-xtut tagħna.

Il-lokalitajiet differenti tagħna għandhom ikollhom strutturi addattati b'fondi ta' l-Awtorita' Maltija tat-turiżmu ddedikati għalihom għall-immaniġġjar, żvilupp u r-reklamar tagħhom biex ir-riżorsi nazzjonali jintużaw b'mod iżjed ġust u effiċjenti mil-lokalitajiet kollha biex dawk il-lokalitajiet li qed jaqgħu lura, jirkupaw u jimxu 'l quddiem.

Rwol importanti tingħata lill-kunsilli lokali biex jiġu mħeġġa u mgħejjuna jsebbħu u jieħdu ħsieb sew il-wirt naturali, storiku u kulturali tal-lokalita' tagħhom. Jinfirxu u jissaħħu l-ġemellaġġi tal-kunsilli lokali ma’ kunsilli lokali ta’ firxa wiesgħa ta’ pajjiżi oħra biex insaħħu t-turiżmu fostna.

Jingħata wkoll appoġġ lill-għaqdiet non-governattivi li huma impenjati b'mod qawwi u volontarju biex jieħdu ħsieb il-wirt naturali, kulturali u storiku ta' pajjiżna. Il-gvern jieħu miżuri konkreti biex jgħinhom fil-ħidma tagħhom.

### Xemx u baħar

Permezz ta' proġeti bis-sħab bejn il-gvern u l-privat inżidu u nkabbru l-bajjiet tagħna u ntejbu l-aċċess għall-blat ħdejn il-baħar biex ikollna ferm iżjed postijiet li jistgħu jitgawdew mill-Maltin u l-Għawdxin u minn dawk li jżuruna biex igawdu wkoll ix-xemx u l-baħar.

Tiġi msaħħa l-infrastruttura meħtieġa għall-firxa ta' sports tal-baħar li għandna niżviluppaw b'faċilitajiet bħall-marinas għall-jottijiet u għall-ibburdjar.

Nieħdu l-inizjattivi meħtieġa biex intejbu u nżidu l-faċilitajiet u l-attrazzjonijiet għall-qasam importanti tal-għaddasa, anki billi jitħaffu l-proċeduri biex jiġu mgħarrqa iżjed vapuri fl-ibħra tagħna biex iżuruhom l-għaddasa. Għad hemm ħafna xi jsir biex niżviluppaw u nsaħħu s-settur ta' dawk li jiġu fil-gżejjer tagħna biex isegwu d-delizzju tagħhom u jgħoddsu fl-ibħra ta' madwarna. Lesti nagħmlu dak li hemm bżonn biex l-operaturi li għandna jkunu jistgħu joffru esperjenzi kompetittivi u attrajenti. Jittieħdu passi biex fiż-żoni riservati għall-għaddasa jinqatgħu l-abbużi tas-sajd bil-*harpoon* kif huwa regolat f'destinazzjonijiet oħra li jikkompetu magħna f'dan il-qasam.

Isiru sforzi biex jiġu joperaw f'pajjiżna skejjel li jħarġu għaddasa professjonali. It-temp u l-klima f'pajjiżna jippermettu li dan it-taħriġ isir kważi s-sena kollha. Ma' settur bħal dan ikun jista' jiżviluppa l-qasam industrijali ta' l-inġinerija li jipproduċi tagħmir u għodda għal dan is-settur.

### Kultura

Il-gżejjer tagħna għandhom firxa sħiħa ta' attrazzjonijiet kulturali magħmula mill-wirt storiku tagħna, drawwiet, festi reliġjużi, baned, logħob tan-nar, kant, mużika, arti, artiġjanat, xorb u ikel li jekk intejbu l-kwalita' u l-preżentazzjoni tagħhom jistgħu joffru esperjenzi sbieħ u diversi minn dawk ta' destinazzjonjiet oħra.

F'dan il-qasam għandna ħafna x'nagħmlu biex nieħdu ħsieb aħjar u nippromwovu l-wirt storiku u l-identita' kulturali tagħna, anki biex ikunu magħrufa iżjed fid-dinja permezz tal-internet.

Jittieħdu inizjattivi f'dawn l-oqsma kollha permezz ta' proġetti bejn il-gvern u l-privat.

Jittieħdu l-passi meħtieġa biex jiġu rkuprati għal użu addattat postijiet storiċi li huma okkupati abbużivament jew qed jintużaw ħażin.

### Servizzi edukattivi

Il-gvern, l-Awtorita' Maltija tat-Turiżmu, l-Universita' u l-iskejjel li jgħallmu l-Ingliż jaħdmu flimkien biex iġibu iżjed studenti jitgħallmu l-Ingliż fostna s-sena kollha.

Il-gvern jieħu passi biex iħaffef il-proċeduri tal-viżi għall-persuni minn barra l-Unjoni Ewropea biex naħtfu l-opportunitajiet kbar li qed joħloq dan is-settur dejjem jikber tas-suq dinji għat-tagħlim ta' l-Ingliż fl-inħawi tal-Asja, l-Amerika Latina u l-Golf Għarbi.

Jiġu appoġġjati l-miżuri kollha biex intejbu l-kwalita' tat-tagħlim, ta' l-akkomodazzjoni u ta' l-esperjenzi li noffru lil dawk l-istudenti li jiġu fostna.

Jittieħdu l-miżuri biex is-suċċess f'dan il-qasam ma jħarbatx oqsma oħra kif jiġri meta ħafna studenti jintbagħtu f'lukandi u jispiċċaw joħolqu inkonvenjent u jħarbtu l-vaganzi ta' turisti oħra.

Fost dawn il-miżuri niżguraw li t-taxxi ma jgerxux lill-familji milli jżommu lil-istudenti għandhom għax l-ambjent familjari huwa ingredjent essenzjali għas-suċċess ta' dan is-settur. Fl-istess ħin jingħata permess biex l-iskejjel li jgħallmu l-Ingliż ikunu jistgħu imexxu stabbilimenti residenzjali għall-istudenti tagħhom.

Jittieħdu inizjattivi biex nibdew noffru servizzi edukattivi ġodda f'pajjiżna biex niġbdu iżjed studenti barranin lejn pajjiżna. Dawn is-servizzi edukattivi u ta' taħriġ ikunu marbuta ma' oqsma ekonomiċi bħal dawk bankarji, marittimi u servizzi finanzjarji, manutenzjoni ta' l-ajruplani u studji interkulturali dwar reliġjonijiet, ilsna u kulturi differenti.

### Gruppi u konferenzi

Is-settur tal-gruppi u l-konferenzi huwa wieħed li diġa għandna indikazzjoni li jista' jgħin bis-sħiħ kemm biex niġbdu turisti ta' kwalita għal lukandi 5 star, u wkoll biex ngħollu n-numru ta' viżitaturi fix-xhur ta' bejn Settembru u Novembru, u minn Jannar sa' Mejju.

Dan huwa wkoll turizmu li normalment iħalli dħul tajjeb għall-pajjiż fi spazju ta' ftit jiem. B'inizjattivi u kooperazzjoni sħiħa u kontinwa bejn l-Awtorita Maltija tat-Turiżmu u l-privat, u kull fejn hu meħtieġ b'appoġġ min-naħa tal-gvern dan it-tip ta' turiżmu jingħata iżjed importanza milli qed jingħata bħalissa għax il-gvern għamlu inqas kompetittiv billi impona t-taxxa tal-VAT fuqu.

Hemm ukoll il-ħtieġa ta' faċilitajiet għal laqgħat li jridu jakkomodaw numri kbar, jiġifieri 'l fuq minn 1500 li s'issa pajjiżna mhux f'pożizzjoni li jipprovdi għalihom f'daqqa u allura qegħdin nitilfu diversi opportunitajiet.

Fir-rigward  gruppi u konferenzi wieħed irid jara wkoll kif Għawdex ikun jista' jgawdi aktar

minn dan it-tip ta' turiżmu, fejn irridu nappoġġjaw l-iżvilupp ta' faċilitajiet li min jorganizza dawn il-konferenzi jinsisti li jkollu.

### Għas-sena kollha

Isir sforz qawwi biex jiżdiedu t-turisti fostna fix-xhur bejn Ottubru u Marzu billi naħdmu biex niġbdu lejna gruppi li jorganizzaw konferenzi fostna, persuni b'diżabilità, anzjani li jiġu jqattgħu x-xitwa hawn għax isibu t-temp u l-prezzijiet attraenti, persuni li jitħajru jiġu fostna għall-kura medika, l-iżvilupp tas-servizz lill-kumpaniji tat-tbaħħir li jużaw lil pajjiżna għall-provvisti u t-tibdil tal-ekwipaġġi, sportivi li jgħixu fl-Ewropa ta' fuq u jistgħu jagħmlu t-taħriġ tagħhom hawn fix-xitwa, persuni li jħobbu l-kwiet u jkunu jridu jgawdu mixjiet ħdejn il-baħar u fil-kampanja.

Is-settur kollu tat-*timeshare* jitqiegħed fuq bażi iżjed serja u jinqatgħu l-abbużi li qed isiru minn ċerti bejjiegħa tat-*timeshare* li qed jagħmlu ħsara lill-operaturi serji fis-settur u lill-pajjiż.

Biex ikollna industrija turistika vijabbli f'pajjiżna għandna bżonn kwantita' akbar ta' turisti fix-xitwa.

Irridu nitfgħu iżjed enerġija u riżorsi u noffru l-prodotti u s-servizzi meħtieġa biex niġbdu iżjed turisti lejna matul ix-xhur li bħalissa m'aħniex jirnexxielna niġbduhom lejna.

### Vapuri tal-passiġġieri

Tingħata spinta qawwija biex jiżdiedu l-vapuri tal-passiġġieri li jdaħħlu lil Malta u lill-Għawdex fost il-postijiet li jżuru fil-Mediterran u ssir ħidma biex iżjed passiġġieri jinżlu l-art u jgawdu l-gżejjer tagħna.

Tiġi appoġġjata kull inizjattiva mmirata biex il-Port il-Kbir ta' pajjiżna mhux biss ikun port li jżuruh il-vapuri iżda jibda jkun il-port mnejn jibdew u jintemmu l-vjaġġi tal-vapuri fil-Mediterran biex hekk inġibu x-xogħol tal-linji tal-ajru, tal-ajruport, tas-settur tat-trasport, tal-akkomodazzjoni u tad-divertiment lokali.

### Kwalita' ogħla ta' servizzi

Pajjiżna għandu bżonn joffri firxa aħjar ta' akkomodazzjoni fil-livelli differenti iżda li kollha jkunu ta' kwalita' għolja: mil-lukandi 5 star, sa dawk *budget*, villaġġi turistiċi u appartamenti u rziezet fejn jgħixu t-turisti sakemm idumu fostna.

Irridu noħolqu ambjent ekonomiku tajjeb għal min jinvesti biex itejjeb il-kwalita' ta' akkomodazzjoni, ristoranti, stabbilimenti tad-divertiment, attrazzjonijiet u faċilitajiet oħra għas-servizz tat-turisti.

Niżguraw li l-faċilitajiet u l-attrazzjonijiet turistiċi li jinħolqu jkunu aċċessibbli għall-persuni diżabbli u anzjani.

Fost is-servizzi li bla dubju rridu ntejbu b'taħriġ apposta u b'infurzar serju tal-liġi, hemm dak tat-trasport. Huwa essenzjali li dawk kollha fit-trasport u jiġu f'kuntatt mat-turisti: mix-xufiera tal-linja, għas-sewwieqa tat-taxis u l-kuċċiera tal-karozzini joffru servizz edukat u onest lit-turisti.

Isir titjib fit-trasport pubbliku lokali anki billi t-turisti jiġu offruti pakketti attrajenti li jinkludu l-użu ta' servizzi oħra.

Jittieħdu miżuri biex jgħinu jinħoloq ambjent fejn is-servizz tat-taxis isir orħos u allura jintuża iżjed, li jkun ta' benefiċċju kemm għal min irid jużahom u kemm għal min jaqla' l-għixien tiegħu minnhom.

Żgur ukoll li wasal iż-żmien li fi gżejjer bħal tagħna mdawrin bil-baħar, jerġa' jiġi mqajjem ix-xogħol tal-barklori fil-Port il-Kbir, jiżdied it-trasport bil-baħar min-naħa għall-oħra tal-pajjiż, anki permezz ta' dgħajjes li jkunu jistgħu joffru s-servizz ta' taxis għal min irid jivvjaġġa bil-baħar flok fuq l-art biex jasal fejn jixtieq jasal u jista' wkoll igawdi x-xeni sbieħ tal-kosta tal-gżejjer tagħna.

### Żvilupp tar-riżorsi umani

Biex inġeddu t-turiżmu f'pajjiżna rridu nġeddu wkoll il-ħiliet ta' dawk li jaħdmu f'xi qasam jew ieħor ta' dan is-settur.

Mill-iskola primarja rridu ndaħħlu aspetti ta' studju li minn eta' żgħira wliedna jagħrfu jirrispettaw l-kultura tagħna, jieħdu ħsieb il-wirt tagħna u jifhmu kemm hu importanti li nżommu lill-pajjiżna sabiħ u nadif u kemm għandna nġibu ruħna ta' ħbieb ma' dawk li jżuruna.

Fl-iskejjel sekondarji għandna nibdew noffru korsijiet vokazzjonali marbuta ma' karriera fit-turiżmu.

Ikun hemm kordinazzjoni serja bejn il-Kulleġġ Malti tax-Xjenza, l-Arti u t-Teknoloġija, l-Istitut

tal-Istudji Turistiċi, l-Universita', il-Korporazzjoni Impjiegi u Taħriġ, l-Awtorita' Maltija tat-turiżmu u s-sieħba soċjali fl-oqsma tat-turiżmu u tal-ivvjaġġar biex titjieb il-kwalita' tal-edukazzjoni u t-taħriġ tan-nies li jaħdmu f'kull qasam u f'kull livell tas-settur turistiku.

Insaħħu l-formazzjoni professjonali tal-gwidi turistiċi f'Malta u f'Għawdex.

Ikun hemm appoġġ finanzjarju għal dawk li jmexxu servizzi turistiċi u jipprovdu taħriġ professjonali lill-ħaddiema u impjegati tagħhom.

### Swieq ġodda

Biex inġeddu t-turiżmu f'pajjiżna rridu nġeddu s-swieq tagħna, kemm billi nġibu turisti ġodda mis-swieq li ħdimna fihom s'issa u kemm billi nidħlu fi swieq ta` pajjiżi ġodda.

Irridu nibdew noffru pakketti ġodda ta vvjaġġar, akkomodazzjoni, servizzi ta' mistrieħ u divertiment għall-persuni minn pajjiżi bħar-Renju Unit, il-pajjiżi Skandinavi u l-Ġermanja li qed iżuru bliet u destinazzjonijiet differenti għall-vaganzi fi tmiem il-ġimgħa. Irridu nifhmu u nagħrfu xejriet ġodda fit-turiżmu fil-pajjiżi li tradizzjonalment ħdimna magħhom biex inkunu nistgħu ninbidlu skond dawn ix-xejriet ħalli naħtfu l-opportunitajiet ġodda li qed jinħolqu.

Hemm ħafna iżjed x'nistgħu nagħmlu biex niġbdu lejna iżjed turisti mill-Istati Uniti u l-Ġappun. Kif nistgħu wkoll inħajru li jżuruna iżjed nies mill-Awstralja u l-Kanada fejn għandna komunitajiet kbar ta' Maltin u Għawdxin li għad għandhom l-għeruq tagħhom fostna.

Irid ukoll isir sforz partikulari biex niġbdu lejn pajjiżna turisti li qed jiżdiedu b'mod qawwi minn pajjiżi bħaċ-Ċina, l-Indja, l-Brażil u r-Russja. Il-gvern jaħtar gruppi ta' azzjoni biex nippenetraw f'dawk is-swieq u nhejju lill-pajjiżna biex joffri l-prodotti u s-servizzi addattati li jitolbu dawn is-swieq ġodda.

Jittieħdu inizjattivi ta' operaturi f'pajjiżna u f'pajjiżi oħra biex noffru vaganzi kif jixtiequ dawn it-turisti l-ġodda anki flimkien ma' destinazzjonijiet oħra f'dawk il-każi fejn turisti mill-bogħod bhal fil-każ taċ-Ċiniżi, Amerkani u Ġappuniżi li jgħaqqdu vjaġġ wieħed f'mill-inqas tliet pajjiżi differenti.

B'inizjattivi ma' awtoritajiet u operaturi ta' pajjiżi oħra, ngħidu aħna t-Turkija, il-Libja u t-Tuneżija nistgħu noffru pakketti *joint-destination product* attraenti, alternattivi u kompetittivi għal dawk li qed joffru destinazzjonijiet oħra fuq il-kontinent Ewropew.

**Għawdex**

Għawdex għandu bżonn attenzjoni partikulari biex it-turiżmu jkollu futur. Biż-żieda fil-prezzijiet tal-vjaġġi bil-baħar u bl-ajru bejn Malta u Għawdex naqsu ħafna l-għadd ta' turisti u Maltin f'Għawdex. B'lukandi mimlija terz biss is-sena kollha, b'inqas nies jieklu fir-ristoranti Għawdxin u jużaw is-servizzi l-oħra, il-vijabilita' tal-industrija turistika Għawdxja tinsab mhedda serjament.

It-turiżmu f'Għawdex qed isir iżjed staġjonali u joffri impjieg sod u regulari għal ftit ġimgħat fis-sajf biss u hekk iżjed Għawdxin qed jaraw li ma jistax ikollhom karriera twila u tajba fit-turiżmu f'Għawdex stess u għalhekk l-operaturi Għawdxin qed isibuha dejjem iżjed diffiċli jsibu Għawdxin imħarġin jaħdmu fit-turiżmu anki jekk l-opportunitajiet ta' xogħol f'Għawdex qed ikomplu jonqsu. Irridu nkabbru t-turiżmu f'Għawdex biex inkabbru l-impjiegi u iżjed Għawdxin jaqbdu ħajja ta' xogħol fit-turiżmu u allura jħossu li jistgħu jinvestu fl-edukazzoni u fit-taħriġ tagħhom għat-turiżmu. B'hekk l-Istitut ta' l-Istudji Turistiċi f'Għawdex ikun jista' jiżviluppa u jikber u joffri korsijiet għal min irid jimxi 'l quddiem f'settur ekonomiku li jkun qed jirnexxi u jkollu futur.

Biex inġeddu t-turiżmu f'Għawdex hemm bżonn ta' passi ġodda u kuraġġużi u addattati għall-bżonnijiet partikulari tal-gżira Għawdxija. Għawdex għandu bżonn ta' Awtorita' Għawdxija tat-Turiżmu bil-fondi tagħha bl-involviment ħaj ta' l-Assoċjazzjoni Għawdxija tat-Turiżmu u tal-Kamra Għawdxija tal-Kummerċ kif ukoll l-operaturi turistiċi Għawdxin biex tmexxi l-kampanji ta' reklamar għal Għawdexu tikkordina l-iżvilupp tat-turiżmu f'Għawdexu tara li l-gżira tissebbaħ, tinżamm nadifa u jitjiebu t-toroq u ssir manutenzjoni kontinwa tal-lokalitajiet turistiċi. Iridu jiżdiedu wkoll faċilitajiet u attrazzjonijiet turistiċi bħall-marina għall-jottijiet, korsa tal-golf, servizzi tajbin għall-għaddasa u rijabilitazzjoni tal-widien żdingati u mitluqa.

Għal dawk it-turisti li jkunu Għawdex u se jsiefru lura lejn pajjiżhom mill-ajruport ta' Malta rridu nagħmlulhom ħajjithom faċli kemm nistgħu, anki billi nipprovdulhom servizz ta' *check-in* għall-bagalji tagħhom f'Għawdex stess anki sa 24 siegħa qabel it-titjira tagħhom.

Hemm bżonn spinta qawwja biex iżjed Maltin u turisti jżuru lill-Għawdex is-sena kollha. Jitfassal pjan ta' ħidma biex jiġi stimolat u inċentivat it-turiżmu intern biex iżjed Maltin iżuru Għawdex fix-xitwa. Jittieħdu passi biex iżjed anzjani barranin jitħajru jirtiraw f'Għawdex.

Biex inġeddu t-turiżmu Għawdxi kemm għall-Maltin kif ukoll għall-barranin hemm bżonn ta' titjib fil-kwalita' tas-servizz u fil-prezz l-ivvjaġġar bil-baħar u bl-ajru lejn Għawdex is-sena kollha. Jekk it-turisti jibqgħu jitilfu ħin daqskemm qed jitilfu biex jivvjaġġaw minn Malta għal Għawdex u lura, f'dawn iż-żminijiet meta qed jiqsaru l-vaganzi aktar spissi li jieħdu t-turisti, se jkomplu jonqsu t-turisti lejn Għawdex.

Jingħata sussidju xieraq kif permess mir-regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea lill-operatur tas-servizz tal-ħelikopter biex ikun jista' joffri vjaġġi bi prezzijiet iżjed attraenti u kompetittivi minn bħalissa. Jekk bis-sussidju b'kollox dan is-servizz jibqa' ma jirnexxiex jiġi kkunsidrat mezz ieħor ta' trasport bl-ajru, dejjem b'rispett sħiħ lejn il-ħarsien ambjentali.

Għawdex għandu bżonn ikollu wkoll faċilitajiet ta' rmiġġ madwar il-kosta tiegħu fejn jistgħu jsorġu vapuri tal-passiġġieri li mbagħad jitwasslu Għawdex bid-dgħajjes iżgħar kif jiġri f'pajjiżi oħra li m'għandhomx portijiet fondi u kbar.

Jiġi appoġġjat kull sforz serju biex jiżdiedu l-kuntatti bil-baħar u bl-ajru bejn Għawdex u Malta, kif ukoll direttament mal-bqija tad-dinja.

## Kemmuna

Ftit għadna qed nużaw il-potenzjal ta' din il-gżira ċ-ċkejkna ħlief għall-baħar sabiħ tagħha fis-sajf. B'inizjattivi addattati nistgħu nibdew niġbdu lejn Kemmuna tipi ġodda ta' turisti li jridu l-kwiet, li jridu josservaw in-natura partikulari tal-post u jgawdu fis-skiet għall-ħoss tal-mewġ l-iljieli bl-istilel mingħajr it-tniġġiż tad-dawl urban.

Minbarra ta' rifuġju għall-eremiti u l-mistiċi Kemmuna kienet toffri kenn għall-pirati, serviet ta' ħabs għall-ispjuni Malti fi żmien l-irvell kontra l-Franċiżi u għall-priġunieri tal-gwerra Ġermaniżi fl-aħħar gwerra dinjija. B'inizjattivi kulturali maħsuba sew anki dan l-aspett storiku ta' Kemmuna jista' jintuża biex jiġbed nies li ma jfittux f'Kemmuna, il-blat, ir-ramel u l-baħar biss. Użu akar immaġinattiv ta' Kemmuna, bla ma neqirduha b'iżjed bini fuqha, nistgħu nżewqu aħjar il-pakkett turistiku li noffru lil min jiġi fil-għejjer tagħna.

## L-isfidi l-kbar ta' quddiemna

Biex inġeddu t-turiżmu tagħna għandna sfidi kbar esterni u interni x'niffaċċjaw u x'negħelbu. Għandna l-isfidi esterni, dawk il-fatturi kollha li jiġru fil-bqija tad-dinja u li ftit li xejn nistgħu ninfluwenzaw, aħseb u ara kemm nikkontrollaw.

Iżda dawn l-isfidi esterni m'għandniex nużawhom bħala skuża biex naħbu r-responsabbiltajiet tagħna biex niffaċċjaw u negħlbu l-isfidi interni, li fuqhom għandna kontroll biex inġeddu t-turiżmu tagħna.

L-akbar sfida interna li għandna hu kif se nieħdu l-passi meħtieġa biex it-turiżmu tagħna jkun

sostenibbli ekonomikament, ambjentalment u soċjalment. Irridu noħolqu ambjent ekonomiku fejn l-investiment eżistenti fit-turiżmu jiġġedded u jinbidel mal-bidliet li qed iseħħu fid-dinja tat-turiżmu u jidħol investiment ġdid biex it-turiżmu jikber u jissaħħaħ f'pajjiżna. Biex jikber dan l-investiment meħtieġ, il-ħidma ekonomika mit-turiżmu trid issir profitabbli u vijabbli.

Biex jikber il-ġid mit-turiżmu jrid jiżdied id-dħul minnu anki billi jiġdied il-valur lokali fit-turiżmu u billi jibqa' flus iżjed minnu f'pajjiżna minfok ma joħorġu fuq prodotti u servizzi importati.

F'kull parti tas-servizz turistiku - mix-xiri tal-biljetti ta' l-ivvjaġġar, ix-xiri tal-akkomodazzjoni, ix-xiri tas-servizzi l-oħra kollha - il-flus li jgħaddu jew imorru barra jew jibqgħu hawn. Għandna naħdmu biex jibqgħu iżjed flus fostna. L-internet illum jagħmilha iżjed possibbli biex l-operaturi turistiċi tagħna jistgħu jidħlu f'kuntatt dirett mal-klijenti tagħhom mingħajr il-bżonn ta' operaturi barranin. Irridu nsaħħu dan il-kuntatt dirett.

Irridu nsaħħu l-kontenut lokali anki waqt li t-turisti jkunu fostna. Dan jista' jgħin għall-iżvilupp u tisħiħ tal-biedja u sajd lokali, tal-prodotti lokali ta' l-ikel u x-xorb, tal-kultura, tal-mużika u ta' l-artiġġjanat. Għandna noħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa biex jiżdied kemm jista' l-kontenut lokali tal-prodotti u servizzi turistiċi, mhux biss biex dawn iħallu iżjed flus fostna iżda wkoll għax dawn jagħtu l-karatteristiċi lokali lit-turiżmu tagħna li jkun jiddistingwieh minn destinazzonijiet oħra fi żmien meta fid-dinja qed jiżdiedu t-turisti li jfittxu karatteristiċi partikulari, distinti u awtentiċi meta jagħżlu d-destinazzjoni fejn imorru.

Biex inġeddu t-turiżmu rridu nġeddu l-mod kif nies fil-bqija tad-dinja jaraw lill-pajjiżna u anki kif naraw lilna nfusna aħna. Għandna ħafna tagħrif ġdid dwar kif għex ġensna matul iż-żminijiet. Hemm bżonn li dak it-tagħrif ġdid isir magħruf minna lkoll u nsibu kif nippreżentawh b'mod attraenti u ħaj lil dawk li jiġu fostna. Għandna nisġa sħiħa ta' l-istorja kbira ta' eluf ta' snin li seħħet f'dan il-baħar tal-Mediterran, salib it-toroq ta' kulturi, ilsna u reliġjonijiet differenti li lkoll għaddew minn pajjiżna u nfluwenzaw lil xulxin u sawruna f'dak li aħna llum.

Aħna stess irridu nwarrbu kull sens ta' inferjorita' li għandna dwar dak li jagħmilna Maltin u Għawdxin, fil-mod ta' għixien tagħna, fil-kultura tagħna, fil-pajsaġġ tagħna, fi drawwietna, fl-ikel tagħna u ma nibqgħux nimitaw għax naħsbu li b'hekk qed nimxu 'l quddiem. Kien hemm żmien meta t-turiżmu tal-massa kien jimponi uniformi kważi kullimkien l-istess fuq kull destinazzjoni. Spiċċa dak iż-żmien u llum qed jiżdiedu ħafna t-turisti li f'kull destinazzjoni jridu jsibu realta' friska, oriġinali u differenti minn kull destinazzjoni oħra.

Għandna l-istorja, l-kultura u l-identita' tagħna x'nesprimu u x'niċċelebraw fil-ħajja tagħna,

kemm għalina nfusna kif ukoll għal dawk li jiġu jżuruna. Fuq kollox, ikunu kemm ikunu sbieħ u impressjonanti l-faċilitajiet u l-attrazzjonijiet turistiċi, u jinżamm kemm jinżamm tajjeb il-pajjiż u jitmexxa tajjeb, l-iżjed li jibqgħu jiftakru u li jagħġen il-mod kif jaħsbu u jħossu t-turisti dwar kull pajjiż li jżuru huwa l-mod kif jilqgħuhom in-nies tal-post. Irridu naraw li l-poplu kollu tagħna jifhem dan permezz tal-edukazzjoni u ta' kampanji kontinwi biex iġib ruħu b'mod li t-turisti jinġibdu lejna. Irridu nkunu aħna, kull wieħed u waħda minna, bl-imġieba tajba tagħna li għandna nkunu l-aqwa reklam sinċier għall-pajjiżna biex nies minn pajjiżi oħra jieħdu gost jiġu qalbna.